# DISKORS TAL-BAĠIT 2016

Prof Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi

MALTA
EKONOMIJA B'SAĦĦITHA

Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2016

L-Onor. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta
12 ta' Ottubru, 2015

Ippubblikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25 99 82 59
Sit Elettroniku: www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** *Ministeru għall-Finanzi*
Diskors tal-Baġit, 2016 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2015

ISBN: 978-99957-58-00-4

1. Baġit – Malta
I. Titlu II. Edward Scicluna

Din il-Pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22 00 17 00

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

## Werrej


1: IL-VIŻJONI TAL-GVERN F'DAN IL-BAĠIT 1

2: POLITIKA FISKALI 14

3: INKOMPLU NINKORAĠĠIXXU X –XOGĦOL 26

4: NINVESTU FL-EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ 31

5: NINVESTU BIEX INTEJBU L-PRODUTTIVITÀ U NŻIDU L-KOMPETITTIVITÀ TA' PAJJIŻNA 35

6: NIRRIFORMAW U NINVESTU F'SETTURI TA' PRIJORITÀ 46

7: GĦAWDEX: INKOMPLU NOĦOLQU L-ĠID 58

8: SIGURTÀ NAZZJONALI 61

9: NIPPROMOVU L-ISPORT u l-KULTURA 63

10: NINVESTU FIS-SAĦĦA U L-AMBJENT 67

11: NOĦOLQU SOĊJETÀ ĠUSTA, UGWALI U INKLUŻIVA 76

12: GĦELUQ 80

# 1: IL-VIŻJONI TAL-GVERN F'DAN IL-BAĠIT

Sur President, illum qed nippreżenta t-tielet baġit ta' dan il-Gvern u r-raba' wieħed f'din il-Leġiżlatura. Ninsab kuntent b'dak li wettaqna sa issa. Hu ta' sodisfazzjon li llum il-baġit li qed inressaq quddiem din il-Kamra jkompli jikkonferma kemm il-ħidma ta' dan il-Gvern qed tagħti l-frott mixtieq, jiġifieri li dawwarna d-direzzjoni u għandna ekonomija b'saħħitha.

Tajjeb li wieħed jiftakar minn fejn tlaqna. L-ewwel baġit li ppreżentajna kellu għan importanti ferm; dak li jżomm l-istabbilta` u ċ-ċertezza f'pajjiżna. Dan kien essenzjali sabiex nixprunaw it-tkabbir ekonomiku minn wieħed kajman għal wieħed dinamiku b'mod sostenibbli u li jilħaq lil kulħadd. Dawwarna d-direzzjoni sabiex f'pajjiżna terġa' tibda titrawwem klima li fiha wieħed iħossu komdu li jżid u jkabbar in-negozju tiegħu, u fuq kollox jinvesti u jimpjega n-nies.

Dakinhar ippreżentajna l-miri tagħna għall-ħames snin li kienu ġejjin. Kellna l-konvinzjoni li kien se jirnexxielna nilħqu dawn il-miri ambizzjużi li poġġejna quddiemna. Fuq kollox, ikkommettejna ruħna li noħorġu minn żewġ proċeduri tal-Kummissjoni Ewropea; dik tal-excessive deficit procedure u dik tal-iżbilanċi makroekonomici. Dan irnexxielna nagħmluh kif ippjanajna.

Għas-sena 2014, il-Baġit kellu l-għan li jippremja l-bżulija tal-Maltin u l-Għawdxin. Fih varajna numru kbir ta' miżuri li jinċentivaw u jippremjaw ix-xogħol. Ħdimna sabiex intejbu l-kunċett ta' "making work pay". Nidejna tax credits u benefiċċji oħra għan-nisa u anke l-irġiel biex joħorġu jaħdmu u, fuq kollox, childcare b'xejn għall-koppji, bi tfal żgħar, li joħorġu jaħdmu.

Kellna l-kuraġġ li nidħlu għall-implimentazzjoni tal-qtugħ tat-taxxa għal dawk li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx is-60,000 (sittin elf) ewro fis-sena minn 35 (ħamsa u tletin) fil-mija għal 25 (ħamsa u għoxrin) fil-mija. Dan ħalla 40 miljun ewro fil-bwiet tal-familji li gawdew minn din il-miżura.

Fl-istess ħin, waqt li bdejna x-xogħol biex jitwettaq il-pjan tagħna fis-settur tal-enerġija biex niżguraw produzzjoni orħos, sostenibbli, u fl-istess ħin nadifa, wettaqna l-wegħda tagħna mal-familji Maltin u Għawdxin li nraħħsu l-kontijiet tad-dawl b'25 fil-mija. Dan kollu wassal sabiex intejbu l-potenzjal tal-ekonomija li tilħaq tkabbir ogħla minn tas-snin ta' qabel.

Il-Baġit għas-sena li qegħdin fiha kien immirat biex iżid l-inċentivi għax-xogħol għal min is-sistema tal-benefiċċji soċjali wasslitu għal qagħda ta' dipendenza. L-opportunitajiet raġonevoli li offra l-Baġit lil min jibda jaħdem biex iżomm proporzjon tal-benefiċċji soċjali għal tliet snin wasslet biex numru sabiħ ta' persuni jibdew jaħdmu għall-ewwel darba.

Konna l-ewwel gvern li kellu l-kuraġġ ikun iebes ma' min jabbuża mill-benefiċċji soċjali.

Illum għandi l-pjaċir inħabbar ir-riżultati pożittivi li ntlaħqu matul l-ewwel disa' xhur tas-sena.

Bejn Diċembru 2014 u Settembru 2015, in-numru ta' persuni fuq l-assistenza soċjali, fuq il-benefiċċji tal-qgħad jew inkella assistenza għax huma single parents naqas b'iktar minn 2,100. Dawn kollha voluntarjament għażlu xi skema jew oħra. Madwar elf minn dawn li kienu qed jirċievu assistenza soċjali issa marru fuq is-sistema tat-tapering.

Ir-riżultat ta' dan hu li issa hemm iktar minn elfejn persuna li m'għadhomx jiddependu mill-benefiċċji. Issa dawn qegħdin

f'impjieg u qed jikkontribwixxu kemm għas-soċjeta` in ġenerali kif ukoll għall-futur tagħhom infushom.

Illum qegħdin f'qagħda fejn qed naraw il-frott ta' dak li żrajna madwar sentejn u nofs ilu. Ir-riżultati miksubin fis-suq tax-xoghol qegħdin juru li dak li ħdimna għalih qed jirrendi. Illum għandna fost l-inqas rata ta' qgħad kemm għall-irġiel u kif ukoll għan-nisa, iżda wkoll dik taż-żgħażagħ fl-Ewropa. Dan għaliex in-numru ta' nies li qed jaħdmu f'pajjiżna laħaq livel rekord. L-aħħar ċifri juru li llum hemm 'il fuq minn 202 (mitejn u tnejn) elf persuna li joħroġu minn djarhom biex jaħdmu li minnhom 168 (mija tmienja u sittin) elf qegħdin fuq bażi full-time u iżjed minn 34 (erba' u tletin) elf li qegħdin fuq bażi part-time.

Fl-istess ħin saħħaħna l-istipendji u l-apprentistat u daħħalna l-Youth Garuantee. Ħabbarna l-fond tal-maternita` li se jwassal sabiex tispiċċa kull diskriminazzjoni kontra n-nisa b'dak li jirrigwarda l-ingaġġ fl-impjiegi. Ġiet infurzata l-liġi favur l-impjiegi ta' persuni b'diżabilita` li kienet hemm biss fuq il-karta.
Ħsibna wkoll fl-anzjani fejn estendejna t-300 ewro fis-sena lil dawk li għalqu s-75 (ħamsa u sebgħin) sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom. Tajna wkoll kumpensi lil dawk li fil-passat ħallsu l-kontribuzzjoni tal-bolla iżda li llum xorta mhux qed jibbenifikaw minnhom. Tajna ċ-ċans li persuni li għandhom numru ta' kontribuzzjoni nieqsa li jkunu jistgħu jħallsu kontribuzzjonijiet nieqsa sa massimu ta' ħames snin .

Qegħdin naraw setturi li għal snin twal kienu mitluqa għal riħhom bħalma huma s-settur tal-kostruzzjoni u dak tal-manifattura jerġgħu jieħdu r-ruħ u jirreġistraw tkabbir kemm fil-valur miżjud u iktar minn hekk fin-numru ta' nies li jimpjegaw.
Sur President, iva, dan juri li Malta biddlet id-direzzjoni u għandha ekonomija b'saħħitha.

Kburin li aħna fost il-ftit pajjiżi li rnexxielna nwettqu dik li tissejjah "growth friendly consolidation," jiġifieri li npoġġu l-finanzi pubbliċi fuq bażi soda mingħajr ma noħonqu t-tkabbir ekonomiku. Dan għaliex irnexxielna nsibu dak il-bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-ekonomija u dawk tal-finanzi pubbliċi. La kien faċli u lanqas qatt mhu ser isir faċli, hekk kif id-deficit jinżel f'livelli baxxi rekord. Imma b'determinazzjoni ser naslu.

F'Ġunju ta' din is-sena, Malta ħarġet mill-proċedura tad-deficit eċċessiv. Issa ninsabu *on track* għal deficit ta' 1.6% sal-aħħar tas-sena, inqas min-nofs ta' kif sibnih. Dan ir-riżultat jgħin kemm biex tissaħħah il-kredibilità mal-Unjoni Ewropeja u ma' istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u anke biex intejbu l-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-pajjiż. Dan wkoll juri li Malta għandha ekonomija b'saħħitha.

Nafu xi ġralhom pajjiżi Ewropej oħra li jew ħallew id-djun jikbru bla rażan, jew marru fl-estrem l-ieħor li ppruvaw jaqtgħu d-deficit f'qasir żmien biex wara waqgħu f'riċessjoni u xorta ma rnexxielhomx isibu rkabtu tad-djun. Aħna rridu nżommu t-triq tan-nofs. It-triq tal-moderazzjoni.

Ma rridux naħsbu li issa solvejna l-problemi kollha u li issa nistgħu nieqfu naħdmu. Iżda wasalna f'punt fejn nistgħu naraw li l-wegħdi li saru huma fattibbli. Dan jiddependi dejjem grazzi għat-tkabbir ekonomiku li rnexxielna nġibu f'pajjiżna.

Biex dan jibqa' jsir il-Gvern se jibqa' jara li jżomm il-prijoritajiet tiegħu.

L-ewwel prijorita` tibqa` dik li nkomplu nsaħħu l-finanzi pubbliċi. Dan se nkomplu nagħmluh biex nassiguraw li uliedna ma jirtux djun bħal ma writna aħna, grazzi għal politika żbaljata ta' "money no problem". Għal kuntrarju tal-passat aħna nemmnu li l-governanza fiskali hi essenzjali għal pajjiżna.

Għalhekk irridu niżguraw li ma nonfqux aktar milli nifilħu. Irridu nkomplu nnaqsu l-iżbilanċ pubbliku b'mod gradwali mingħajr ma noħonqu l-ekonomija ta' pajjiżna. Il-muntanja dejn li nbniet f' 25 sena mhux ser inwittuha f'ħames snin. Li jinteressa lill-familji hu li l-indikaturi huma se jibqgħu jinżammu fid-direzzjoni t-tajba.

It-tieni prijorita` hi li nkomplu nkunu fost il-pajjiżi li għandhom l-inqas piż ta' taxxa inkluż bolli fuq ix-xogħol. Aħna nemmnu li n-nies jaħdmu għax ikun jaqbel lilhom. Irridu nkomplu nibnu Malta fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jgawdu l-frott tal-ħidma tagħhom biex b'hekk ikollhom fost l-aqwa livell ta' għajxien fl-Ewropa.

It-tielet prijorita` hi li nkomplu nkunu miftuħa għall-investiment, speċjalment barrani. Ħadd mill-poplu Malti li jħobb il-ġid għal pajjiżu ma jipprova jirredikola l-investiment barrani jew tgħaddilu minn moħħu li jgerrxu lil hinn minn pajjiżna. Qegħdin bhalissa naħdmu biex nattiraw setturi ġodda li mhux biss ikunu l-mutur tal-ekonomija fis-snin li ġejjin iżda li jgħinuna nkunu iżjed produttivi biex nkomplu ngħollu l-livel tal-għixien ta' pajjiżna.

Ir-raba' prijorita' hi li nkomplu nsaħħu s-servizzi soċjali tagħna inkluż is-saħħa. Se nkunu hemm għal persuni vulnerabbli u dawk li għandhom bżonn ta' għajnuna. Se nkomplu nsaħħu l-pensjonijiet, il-kura tal-anzjani, u s-servizzi soċjali lill-familji fil-bżonn u lill-persuni bi bżoniijiet speċjali. Min għandu bżonn se jsib l-appoġġ tagħna.

Fl-istess ħin se nkomplu niġġieldu l-abbuż fis-servizzi soċjali u d-dipendenza evitabbli.

Il-ħames prijorita` hi l-ambjent. Konxji ferm li f'pajjiż daqshekk żgħir bħalma hu tagħna, l-pressjoni fuq l-ambjent hija qawwija ħafna u li kull ma qed tmur qed tiżdied. Konxji wkoll li l-poplu Malti fil-maġġoranza kbira tiegħu jagħraf li xi drabi l-bżonn ta' żvilupp ekonomiku qed jikkontrasta ma' prijorita` ambjentali.

Bħala gvern determinati li nżommu bilanċ permezz tat-triq tal-moderazzjoni.

Is-sitt prijorita\` hija li l-ġid li jinħoloq ikun milħuq minn kulħadd anke fis-sens reġjonali ta' pajjiżna. Għal snin twal, ħafna mill-iżvilupp seħħ f'parti waħda ta' Malta waqt li partijiet oħra ma ngħatawx l-attenzjoni mixtieqa. Diġa\` urejna li lesti nieħdu deċiżjonijiet kuraġġużi sabiex l-iżvilupp jilħaq lil kulħadd. Kemm Għawdex kif wkoll in-naħa ta' isfel ta' Malta sejrin jibqgħu prijorita\` għal dan il-Gvern.

Is-seba' prijorita\` hi li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura ta' dan il-pajjiż. Ma nistgħux nimxu 'l quddiem jekk naqgħu lura f'dan il-qasam. Meta l-poplu fdana fit-tmexxija ta' dan il-pajjiż, kien evidenti l-bżonn kbir ta' investiment fit-toroq tagħna, fil-portijiet tagħna, fl-iskejjel tagħna, fl-isptarijiet tagħna, kif wkoll fil-produzzjoni tal-enerġija. Konxji li l-problema preżenti tat-traffiku hija wkoll frott tan-nuqqas ta' investiment fit-toroq imma iżjed fit-trasport pubbliku adegwat matul is-snin.

It-tmien prijorita\` hi li ntejbu l-operat tal-Gvern u nagħmluh iktar effiċjenti. Naqtgħu l-burokrazija li xxekkel lis-settur privat milli jwettaq il-pjanijiet tiegħu kif ukoll twaqqa' l-kwalita\` tal-ħajja ta' ħafna familji li jixirqilhom servizz aħjar. Irridu naraw titjib sostanzjali f'dan il-qasam. Dan qed nagħmluh billi fejn hemm bżonn inbiddlu ċerti prattiċi burokratiċi, filwaqt li noffru iżjed taħriġ u sapport lill-impjegati tal-Gvern. Irridu naraw titjib fl-operat tal-oqsma kollha minn dawk tal-Qrati għal dawk taż-żamma tal-ordni pubblika. Mis-servizzi tas-saħħa għas-servizzi tal-edukazzjoni.

Sur President, dan il-Gvern tela' bi programm ċar. Programm fejn ssir riforma fl-istituzzjonijiet ta' pajjiżna, fejn jitneħħew diskriminazzjonijiet lejn il-persuna. Fejn titneħħa d-dipendenza u

jiġi nċentivat ix-xogħol. Fejn ninkoraġġixxu b'mod attiv l-investiment ġewwa pajjiżna.

Permezz ta' dan il-baġit qed inkomplu nwettqu dan il-pjan ta' Ekonomija b'Saħħitha.

**QAGHDA EKONOMIKA U FINANZJARJA**

Sur President, tajjeb li issa nagħtu ħarsa lejn is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ġewwa pajjiżna u kif żvolġiet meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Fl-aħħar sena, it-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna laħaq livelli rekords ġodda. Fil-fatt, fit-tieni kwart ta' din is-sena, l-ekonomija kibret b'5.3 fil-mija meta mqabbla mas-sena ta' qabel filwaqt li b'mod nominali espandiet b'7.3 fil-mija. Tali rati ta' tkabbir huma kważi erba' darbiet aktar minn dawk irreġistrati fiż-Żona tal-Ewro. Malta hija ekonomija li qed tikber bl-aktar pass mgħaġġel fl-Unjoni Ewropea.

Setturi tradizzjonali kif wkoll dawk li fl-aħħar snin drajna narawhom jikkontribixxu b'mod sinifikanti lejn it-tkabbir ekonomiku ta' pajjżna baqgħu jissaħħu. Ta' min ukoll jinnota b'ċertu sodisfazzjon li ġie rreġistrat tkabbir fis-setturi tal-ekonomija li għal numru ta' snin kienu qed jidhru li qed jitilfu mill-importanza taghhom bħalma hu s-settur tal-manifattura.

Matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, it-tkabbir ekonomiku kien imsejjes fuq tkabbir sostnut tal-konsum privat u, aktar sinifikanti minn hekk, minn tkabbir qawwi fl-investiment. Dan il-livell ta' tkabbir ekonomiku ma kienx fuq il-karta biss. Iżda issarraf f'ħolqien rekord ta' impjiegi. Matul is-sentejn u nofs ta' din l-amministrazzjoni kien hemm żieda ta' kważi 13,450 impjieg full-time. Sabiex inpoġġu dan l-ammont f'perspettiva, wieħed biżżejjed jgħid li dan ifisser żieda ta' 17-il impjieg full-time kuljum.

Minn dawn kien hemm żieda ta' kważi 10,900 persuna full-time mas-settur privat. Dan ifisser li tmienja minn kull għaxar impjieg ġdid inħolqu fis-settur privat. Dan ifisser ukoll li l-proporzjon tal-impjiegi fis-settur pubbliku llum huma 26.1% tal-impjiegi kollha

full-time meta fi tmiem l-amministrazzjoni preċedenti kienu b'nofs perċentwal ogħla jiġifieri 26.7 fil-mija.

Meta wieħed iħares lejn it-tkabbir ekonomiku, iż-żieda fil-postijiet tax-xogħol, ir-rata tal-qgħad, ir-rata tal-inflazzjoni, iċ-ċifri tal-esportazzjoni, kif ukoll l-indikaturi makroekonomici oħra ma jistax ma jkunx kuntent b'dak li qed jara.

Ta' sodisfazzjon kbir ukoll huwa l-fatt li d-defiċit niżel minn 3.6 fil-mija f'2012 għal 2.6 fil-mija f'2013 u għal 2.1 fil-mija fl-2014. Dan it-titjib fl-iżbilanċ fiskali ma ġiex mix-xejn. Id-domanda għal proġetti u inizjattivi ġodda ma jonqsux iżda kontra dak li kien isir fil-passat fejn kienet tintuża s-sistema li fejn il-Gvern ma jlaħħaqx, jissellef, dan il-Gvern ma għamilx bħal ta' qablu. Għamilna l-miri ċari. Konna wegħdna li kull sena dejjem nissellfu inqas, u kelmitna qed inżommuha. Meta tieħu d-deċiżjoni li tissellef inqas, tkun aktar ristrett meta tiġi biex tuża l-finanzi. Hemmhekk jidħol l-għaqal u l-ippjanar serju. Fil-passat, il-Gvern kien jippriedka li 'money no problem' u li 'd-dejn iħallsuh ta warajna'. Aħna, għall-kuntrarju, id-dejn irridu nniżżluh ħalli ma jibqax piż fuq it-tfal tagħna u fuq uliedhom.

## TBASSIR TAL-EKONOMIJA U TAL-FINANZI PUBBLIĊI

Sur President, ħa nagħti ħarsa lejn dak li qed nistennew għal matul is-sena d-dieħla. It-tkabbir ekonomiku din is-sena huwa mistenni jilħaq 4.2 fil-mija f'termini reali, sostnuta primarjament minn żviluppi pożittivi fis-settur domestiku tal-ekonomija, sostnut minn investiment u minn tkabbir robust fl-impjiegi, kif wkoll fid-dħul. It-tkabbir fl-impjiegi huwa mistenni li jibqa' qawwi, b'żieda ta' 2.3 fil-mija fl-2015.

Matul is-sena 2016, it-tkabbir ekonomiku mistenni jibqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel għalkemm hu mistenni li jimmodera xi ftit.

Għalhekk, matul l-2016, l-ekonomija mistennija li tikber bi 3.6 fil-mija f'termini reali, bil-biċċa l-kbira tat-tkabbir dovut għas-settur estern.

Is-suq tax-xogħol wkoll mistenni jibqa' b'saħħtu. Għal din is-sena, iż-żieda fin-numru ta' impieġi hija prevista li tammonta għall 2.3 fil-mija. Matul is-sena li ġejja, it-tkabbir huwa mistenni li jkun ta' 1.3 fil-mija. Konsegwentement, ir-rata ta' qgħad (ibbażata fuq definizzjoni armonizzata skont il-Eurostat) mistennija tonqos b'0.1 punti perċentwali għal 5.8 fil-mija fl-2015 u tkompli tonqos għal 5.6 fil-mija fl-2016. Dan huwa ferm inqas mir-rata medja tal-Unjoni Ewropea u tirrifletti l-progress fil-politika attiva fis-suq tax-xogħol.

Is-sena li ġejja, id-dħul tal-Gvern huwa mistenni li jilħaq ftit iktar minn 3.6 biljun ewro filwaqt li n-nefqa totali mistennija tkun ta' madwar 3.8 biljun ewro. Dan għandu jwassal fi żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' 196 miljun ewro. F'2016, id-defiċit mistenni jinżel għal 102 miljun ewro li jfisser defiċit ta' 1.1 fil mija tal-Prodott Domestiku Gross. Id-dettalji jinsabu f'Tabella numru 1, Tabella numru 2 u fl-i*statements* A, B u Ċ li qegħdin annessi ma' dan id-diskors.

Matul is-sena d-dieħla l-Gvern qed jimmira li d-dejn bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku mistenni jinżel minn 68.3 fil-mija f'2014 għal 65.2 fil-mija f'2016. Aktar dettalji dwar id-dejn tal-Gvern estiż għas-snin li ġejjin jinstabu f'Tabella numru 3.

## Kumpens Għall-Għoli tal-ħajja

Skond il-mekkaniżmu maqbul bejn l-imsieħħba soċjali, s-sena d-dieħla ż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun ta' 1.75 ewro fil-ġimgħa. Din se tingħata lill-impjegati kollha kif ukoll lil pensjonanti u lil dawk li qegħdin fuq il-benfiċċji soċjali. Lill-istudenti se jkun qed jingħatalhom il-kumpens għall-għoli tal-ħajja fuq bażi ta' pro-rata biex b'hekk għal sena oħra qed nerġgħu ngħollu l-istipendji.

*Table 1*

## IL-QAGĦDA FISKALI 2014 - 2018

| | 2014 Attwali € '000 | | 2015 Rivedut € '000 | | 2016 Estimi € '000 | | 2017 Estimi € '000 | | 2018 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,953,689 | | 3,126,520 | | 3,279,838 | | 3,458,650 | | 3,608,682 | |
| Dħul Ieħor | 433,520 | | 503,618 | | 333,406 | | 403,986 | | 406,415 | |
| Dħul Totali | | 3,387,209 | | 3,630,138 | | 3,613,244 | | 3,862,636 | | 4,015,097 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,857,050 | | 3,054,039 | | 3,205,598 | | 3,306,558 | | 3,416,898 |
| Nefqa Kapitali | | 420,369 | | 501,034 | | 376,756 | | 440,938 | | 441,549 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | 109,790 | | 75,065 | | 30,890 | | 115,140 | | 156,650 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 231,096 | | 232,375 | | 226,890 | | 230,340 | | 234,850 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 299,063 | | 343,724 | | 180,756 | | 325,738 | | 363,349 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(121,306)** | | **(157,310)** | | **(196,000)** | | **(115,200)** | | **(78,200)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | (367,504) | | (349,377) | | (474,489) | | (372,926) | | (391,694) | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | (3,261) | | (3,261) | | (3,261) | | (3,261) | | (1,631) | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | (6,465) | | (6,465) | | (6,465) | | (4,665) | | (59) | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Specjali MGS* | (50,000) | | (50,000) | | (50,000) | | (50,000) | | (50,000) | |
| *Akkwist ta' Equity* | (28,735) | | (44,159) | | (14,584) | | (2,600) | | (2,600) | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | 0 | | (4,480) | | (4,500) | | (4,500) | | (4,500) | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | 0 | | 40,002 | | 11,986 | | 2 | | 2 | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | - | | - | | - | | - | | 82,897 | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | - | | 700 | | 889 | | 889 | | 889 | |
| | | *(455,965)* | | *(417,040)* | | *(540,424)* | | *(437,061)* | | *(366,696)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(577,271)* | | *(574,350)* | | *(736,424)* | | *(552,261)* | | *(444,896)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | (95,106) | | (23,536) | | (97,886) | | (234,310) | | (186,571) | |
| *Self Lokali* | 648,841 | | 500,000 | | 600,000 | | 600,000 | | 500,000 | |
| | | *553,735* | | *476,464* | | *502,114* | | *365,690* | | *313,429* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(23,536)* | | *(97,886)* | | *(234,310)* | | *(186,571)* | | *(131,467)* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(121,306)** | | **(157,310)** | | **(196,000)** | | **(115,200)** | | **(78,200)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(47,304)** | | **23,310** | | **94,000** | | **58,200** | | **58,200** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(168,610)** | | **(134,000)** | | **(102,000)** | | **(57,000)** | | **(20,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **7,941,342** | | **8,458,759** | | **8,983,418** | | **9,438,144** | | **9,896,536** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.1%** | | **-1.6%** | | **-1.1%** | | **-0.6%** | | **-0.2%** | |

*Tabella 2*

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 (*€ '000*) |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 4,828,017 | 4,945,475 | 5,094,497 | 5,289,472 | 5,416,342 |
| *Bills* tat-Teżor | 140,440 | 250,000 | 387,424 | 339,685 | 284,581 |
| Self Lokali ma' Banek Kummerċjali | 56,379 | 56,379 | - | - | - |
| Self minn Barra | 40,389 | 29,759 | 19,350 | 8,938 | 1,073 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 114,043 | 110,968 | 110,968 | 110,968 | 110,968 |
| Munita | 59,629 | 66,685 | 75,346 | 84,562 | 95,515 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 181,794 | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,420,691** | **5,630,455** | **5,858,774** | **6,004,814** | **6,079,668** |
| Prodott Domestiku Gross | 7,941,342 | 8,458,759 | 8,983,418 | 9,438,144 | 9,896,536 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **68.26%** | **66.56%** | **65.22%** | **63.62%** | **61.43%** |

| | 2014 | | 2015 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,953,689 | | 3,063,650 | | 3,126,520 | |
| Dħul Ieħor | 433,520 | | 491,399 | | 503,618 | |
| Dħul Totali | | 3,387,209 | | 3,555,049 | | 3,630,138 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,857,050 | | 2,949,674 | | 3,054,039 |
| Nefqa Kapitali | | 420,369 | | 513,765 | | 501,034 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 109,790 | | 91,610 | | 75,065 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 231,096 | | 240,220 | | 232,375 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 299,063 | | 365,155 | | 343,724 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(121,306)** | | **(148,610)** | | **(157,310)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(367,504)* | | *(349,377)* | | *(349,377)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(28,735)* | | *(44,159)* | | *(44,159)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,480)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *0* | | *40,002* | | *40,002* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | - | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | - | | - | | *700* | |
| | | *(455,965)* | | *(417,760)* | | *(417,040)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(577,271)* | | *(566,370)* | | *(574,350)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(95,106)* | | *25,522* | | *(23,536)* | |
| *Self Lokali* | *648,841* | | *500,000* | | *500,000* | |
| | | *553,735* | | *525,522* | | *476,464* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(23,536)* | | *(40,848)* | | *(97,886)* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(121,306)** | | **(148,610)** | | **(157,310)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(47,304)** | | **18,610** | | **23,310** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(168,610)** | | **(130,000)** | | **(134,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **7,941,342** | | **8,275,900** | | **8,458,759** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.1%** | | **-1.6%** | | **-1.6%** | |

## 2: POLITIKA FISKALI

Sur  President, it-teżi ta' dan il-Gvern dejjem kienet li l-Baġit ma jkunx sempliċiment eżerċizzju ta' kif nibbilanċjaw il-kotba tal-Gvern imma eżerċizzju ekonomiku fejn iċ-ċaqliq fit-taxxa sew 'il fuq kif ukoll 'il isfel isir bi skop li jinċentiva t-tkabbir ekonomiku, jalloka r-riżorsi b'mod iktar effiċjenti u li jqassam l-ġid b'mod ekwu.

### Aġġustament fir-rata tat-Taxxa tad-Dħul

Fl-aħħar tliet snin ħabbarna t-tnaqqis tat-taxxa tad-dħul minn rata ta' 35 fil-mija għal waħda ta' 25 fil-mija fuq dħul ta' inqas minn 60,000 euro fis-sena. Erbgħin elf persuna ggwadanjaw minn din il-miżura. Dan għen sabiex tiġi ppremjata l-bżulija biex b'hekk tkompli tikber l-ekonomija ta' pajjiżna.

Illum, għax Malta għandha ekonomija b'saħħitha, frott il-bidla fid-direzzjoni, nistgħu nħabbru li se nerġgħu nnaqqsu t-taxxa tad-dħul.

L-ewwel nett, kull min jaqla' dħul minn impjieg jew pensjoni li ma teċċedix il-paga minima se jerġa', għal darba oħra, ma jħallasx taxxa.

It-tieni, kull min ma gawdiex mit-tnaqqis  fit-taxxa tad-dħul li wettaqna f'din il-leġiżlatura, se jibda jibbenefika issa.
Persuna b'dikjarazzjoni singola li jaqla' sa 9,100 ewro, koppja b'*joint declaration* li jaqilgħu sa 12,700 ewro u persuna bid-dikjarazzjoni ta' ġenitur li taqla' sa 10,500 ewro, mhux se jħallsu taxxa.

Persuna b'dikjarazzjoni singola li taqla' sa 19,500 ewro se tiffranka sa 90 ewro taxxa fis-sena.

Persuna b'dikjarazzjoni singola ta' ġenitur li taqla' sa 21,200 ewro se tiffranka sa 105 ewro f'taxxa fis-sena.

Koppja b'*joint declaration* li jaqilgħu sa 28,700 ewro se jiffrankaw sa 120 ewro f'taxxa.

F'każ ta' koppja miżżewġa li jaħdmu t-tnejn u li għandhom komputazzjoni singola se jiffrankaw sa 180 ewro bejniethom.
F'każ ta' koppja miżżewġa li jaqilgħu sa 21,000 ewro kull wieħed, se jiffrankaw sa 210 ewro f'taxxa.

B'din il-miżura se jibbenifikaw iktar minn 117,000 benefiċċjarju u li jkopru 160,000 persuna.

Il-wegħda li kull min qiegħed fuq il-paga minima ma jħallasx taxxa tad-dħul fuq il-paga inkluż il-*bonus* se tibqa'. L-istess jgħodd ghall-pensjonanti fl-istess kategorija ta' dħul.

Dan hu frott ta' ekonomija b'saħħitha li qed toħloq il-ġid, ġid li qiegħed jitqassam u jilħaq aktar familji.

F'Anness 'A' fuq wara ta' dan id-diskors, wieħed jista' jsib il-kumputazzjoni ġdida tat-taxxa li se tiġi użata.

### Taxxa anqas fuq sports

Sabiex ninkoraġġixxu aktar attività sportiva u bħala parti mill-ġlieda kontra l-obeżità se nnaqqsu l-VAT fuq attivitajiet sportivi, inkluż *gym memberships*, *fitness centres*, *football nurseries* u attivatijiet oħra minn 18 fil-mija għal 7 fil-mija.

Se nkunu qed nestendu  wkoll r-rata ta' taxxa fuq id-dħul ta' 7.5 fil-mija, li bħalissa qed tapplika għal plejers tal-futbol u waterpolo, għal  kowċis u plejers ta' kull tip ta' sports.

**Rata ta’ Taxxa ta’ 15 fil-mija fuq *extra-duty* tal-Pulizija**

B'effett mill-1 ta' Jannar 2016, il-ħlas li jingħata lill-pulizija għal xogħol *extra duty* li hu xogħol li jsir minn pulizija għal organizzazzjonijiet, individwi u kumpaniji se jibda jkun intaxxat separatament b'rata ta' taxxa ta' 15 fil-mija. B’hekk se nkunu qed inwettqu proposta elettorali oħra.

***In-Work Benefit***

Din is-sena daħħalna l-iskema tal-‘in work’. Il-benefiċjarji huma ġenituri singoli jew koppji fejn it-tnejn huma f’impjieg. L-iskop hu li nkomplu nagħmlu kuraġġ lil min jidħol fid-dinja tax-xogħol. Din l-iskema se tibqa’ fis-seħħ. Għal ġenituri singoli, il-benefiċċju huwa ta’ massimu ta’ 1,200 ewro għal kull wild u huma eliġibbli dawk li għandhom dħul bejn 6,600 u 15,000 ewro fis-sena. Għall-koppji, fejn żewġ persuni kienu qed jaħdmu u d-dħul tagħhom ikun bejn 10,000 u 20,000 ewro il-benefiċċju huwa ta’ massimu ta’ 1,000 ewro għal kull wild.

F’dan il-Baġit, il-Gvern irid issa jirrikonoxxi dawk il-familji magħmula minn koppji fejn persuna waħda biss tkun fl-impjieg bi dħul baxx u fejn hemm ulied dipendenti li għandhom inqas minn 23 sena. Għalhekk, il-benefiċċju ta ‘In-Work’ se jkun qed jiġi estiż għal dawk il-familji b’persuna waħda li taħdem bi qligħ ta’ bejn 6,600 u 12,700 ewro. Il-benefiċċju massimu se jkun ta’ 150 ewro għal kull wild.

Madwar 3,700 familja u kważi 5,000 tifel u tifla, li ħafna minnhom jinsabu f’riskju ta’ faqar, se jibbenefikaw minn din il-miżura.

L-inċentiv li t-tieni ġenitur jidħol jaħdem se jibqa’. Fil-fatt fejn iż-żewġ ġenituri jkunu f’impjieg, il-benefiċċju jogħla għal massimu ta’ 1,000 ewro kull wild.

**Pensjonijiet**

Fis-sentejn li għaddew, ħadna diversi miżuri favur il-pensjonanti. Warrabna r-rabta bejn il-pensjoni tar-romol u l-qligħ mix-xogħol u l-età tal-ulied, biex b'hekk ir-romol jistgħu jibbenifikaw minn pensjoni sħiħa tar-romol. Rajna wkoll li neżentaw mill-ħlas tat-taxxa lil dawk il-pensjonanti li l-pensjoni tagħhom ma taqbiżx l-ammont tal-paga minima.

Daħħalna qafas regolatorju għall-pensjonijiet privati, magħrufa aħjar bħala 'Third Pillar', imsaħħaħ b'inċentivi fiskali. Ninsabu mgħarrfin li fil-ġimgħat li ġejjin se jinħarġu prodotti marbuta ma' din l-iskema minn operaturi finanzjarji privati.

Mis-sena li ġejja se nwaqqfu *working group* sabiex jikkonsidra dawk il-benefiċċji fiskali għal employers marbuta mal-pensjonijiet privati fuq bażi volontarja fuq il-post tax-xogħol.

Kmieni f'din il-leġiżlatura twaqqaf grupp strateġiku fuq il-pensjonijiet sabiex tiġi indirizzata l-adegwatezza u s-sostenibbilità tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Grupp ħareġ ir-rapport tiegħu aktar kmieni din is-sena u ressaq 27 rakkomandazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika. Ir-rispons tas-soċjetà ċivili kien ġeneralment wieħed pożittiv.

Għalkemm ir-rakkomandazzjonijiet huma diversi, minn dan il-baġit se nibdew inwettqu dawk ir-rakkomondazzjonijiet li huma ta' prijorità.

Ta' min jgħid minn issa li l-Gvern mhux se jgħolli l-età tal-irtirar u lanqas mhu se jżid l-bolla jew jintroduċi xi bolla ġdida.

Dwar il-Pensjoni Minima Nazzjonali, il-Grupp għamel rakkomandazzjonijiet li jwasslu li sal-2027, din il-pensjoni tilħaq 60 fil-mija tad-dħul medju f'pajjiżna. Għal dan il-għan, mis-sena d-dieħla se nagħmlu l-ewwel pass fil-proċess li nilħqu l-mira tagħna. Dan il-Gvern irid illi kull pensjonant li llum għandu pensjoni baxxa jibbenefika indipendentament mill-età tiegħu jew tagħha. Għalhekk, bi pjaċir inħabbar li mill-1 ta' Jannar li ġej, 12,000 anzjan se jgawdu minn żieda fil-pensjoni. Għas-sena d-dieħla, l-anqas pagament ta' pensjoni kontributorja u *bonus* għal min għandu ħlas suffiċjenti, se jkun ta' 7,280 ewro fis-sena jew 140 ewro fil-ġimgħa. Ħlas *pro-rata* jingħata għal min għandu ħlas insuffiċċjenti ta' bolol. Iż-żieda fil-pensjoni għal dawk li se jibbenefikaw minnha tkun ta' medja ta' 8.92 ewro fil-ġimgħa għal dawk ta' 75 sena 'l fuq u ta' 8 ewro għal dawk taħt il-75 sena.

Għal dawk il-miżżewġin li bħalissa qed jirċievu l-pensjoni minima tal-miżżewġin u ma jiġux affettwati mill-miżura ta' hawn fuq se tingħata wkoll żieda wara l-ħlas tal-COLA li b'kollox tammonta għal 4.15 ewro fil-ġimgħa.

Minn din il-miżura se jgawdu 'l fuq minn 12,000 persuna.
Sur President, dan se jsarraf f'eluf ta' persuni li issa se joħorġu jew se jibdew ħerġin mir-riskju tal-faqar.

Dan huwa possibbli għaliex Malta għandha ekonomija b'saħħitha. Bħala parti mir-riformi tal-pensjonijiet irrakkomandati mill-Grupp se jiġu akkreditati numru ta' kontribuzzjonijiet tal-bolla għal ġenituri minħabba t-trobbija ta' wliedhom kif wkoll għal min ikun baqa' jistudja u jispeċjalizza. F'każ ta' mara li waqfet mix-xogħol għal sentejn minħabba li kellha tarbija jew nkella biex tkompli tistudja, jingħatawlha sentejn kontribuzzjonijiet. Iktar eżempji u dettalji oħra jingħataw 'il quddiem.

Il-Gvern jemmen li għandu jkun stabbilit bilanċ ġust u xieraq bejn l-ammont ta' snin li wieħed idum jikkontribwixxi u l-ammont ta' snin li wieħed ikun mistenni jdum jirċievi l-pensjoni, liema prinċipju għandu jgħin biex niggarantixxu s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjoni. Għalhekk, se nkunu wkoll qed nestendu s-snin ta' kontribuzzjoni validi, minn 40 għal 41 sena, għall-persuni li twieldu wara l-1968.

Fl-istess waqt, nemmnu li rridu ninċentivaw aktar nies biex b'mod volontarju u bi qbil ma' min iħaddimhom jibqgħu fid-dinja tax-xogħol.  Din il-miżura se tkun miftuħa għas-settur privat. Għal dawk li jibqgħu jaħdmu u ma japplikawx għall-pensjoni meta jkollhom dritt għaliha, għal kull sena se nkunu qed intuhom inċentiv li l-rata tal-pensjoni tagħhom tiżdied b'persentaġġ fis-sena, liema żieda addizzjonali fil-pensjoni jibqgħu jgawduha tul ħajjithom kollha.

Miżura oħra ta' fejda għall-pensjonanti jew ir-romol tagħhom tkun dik li l-pensjoni tibda titħallas mill-għada li jispiċċaw mix-xogħol jew mid-data tal-mewt ta' żewġhom jew marthom.  Din il-miżura f'sena tolqot madwar 2,800 ruħ.

L-anzjani li jkollhom minn 75 sena 'l fuq se jibqgħu jirċievu l-għotja ta' 300 ewro fis-sena.

### Anomaliji

Il-Gvern diġà indirizza numru minn dawn l-anomaliji. Iżda baqa' xi jsir. Dawn l-anomaliji qegħdin jiġu kkunsidrati bil-għan li naslu għal soluzzjoni xierqa u sostenibbli.  Għalhekk, il-Gvern irid jerġa' jtenni l-impenn tiegħu li fuq medda ta' żmien raġonevoli, se jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jindirizza dawn l-anomaliji fuq diversi kategoriji ta' ħaddiema, fosthom il-ħaddiema tal-eks-Korpi tax-Xogħol, tal-Electricity Board u oħrajn.  Diġa bdew id-diskussjonijiet mal-Port Workers intiżi biex jintlaħaq ftehim ekwu għaż-żewg naħat.

Se nkomplu nnaqqsu 200 ewro addizzjonali kull sena mill-pensjoni tas-servizz għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

**Fond pilota għal *live-in carer***

Qiegħed jiġi propost li jitnieda fond pilota ta' miljun ewro li minnu se jkun qed jingħata sussidju meta dawn jimpjegaw *carer* kwalifikata *full* jew *part time* f'każ ta' persuna anzjana. Is-sussidju jkun ta' massimu n-nofs tal-paga minima u *pro-rata* għall-impjiegi *part-time*.

Bħala proġett pilota, il-programm se jkun offrut lil dawk l-anzjani li sal-lum qegħdin fil-lista ta' stennija biex jidħlu f'dar tal-anzjani. Min jingħata l-għajnuna ma jibqax fuq il-lista ta' stennija.

**Pensjoni tal-Wens**

Minbarra dan, iż-żewġ skemi li hemm preżenti, jiġifieri il-Pensjoni tal-Wens (*Carers Pension*) u l-Għajnuna Soċjali għal *Carers* (*Social Assistance for Carers*), se jiġu riveduti u amalgamati f'qafas wieħed. L-eliġibbilità tal-iskema l-ġdida wkoll se tiġi riveduta u miftuħa iżjed ħalli iktar nies li jieħdu ħsieb anzjani d-dar ikunu jistgħu jibbenifikaw minn din ir-reviżjoni u b'hekk ngħinu biex aktar anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom.

**Community Chest Fund**

Il-kumpaniji li jagħtu donazzjoni ta' mhux inqas minn 2,000 ewro lill-Community Chest Fund matul is-sena 2015 se jingħataw deduzzjoni mid-dħul tagħhom li hija ekwivalenti ta' 100 fil-mija tal-għotja tagħhom. B'hekk qegħdin ninċentivaw u nirrikonoxxu l-għajnuna filantropika ta' dawn il-kumpaniji.

## Inċentivi Fiskali għas-suq tal-proprjetà

*First-Time Buyers*

Waħda mill-aktar miżuri ta' fejda għall-koppji żgħażagħ kienet l-eżenzjoni mill-boll għal *first time buyers*. Din l-iskema għalqet fl-aħħar ta' Ġunju ta' din is-sena.

Qed nerġgħu ndaħħlu dan il-programm sa tmiem is-sena d-dieħla bi skema ġdida li biha ż-żgħażagħ jiffrankaw sa massimu ta' 5,000 ewro fuq l-ewwel dar tagħhom. Dan se jkun b'seħħ b'lura ghal konvenji li sena mill-1 ta' Lulju li għadda meta għalaq il-programm l-ieħor.

Dawn il-*first time buyers* li laħqu għamlu konvenju u kuntratt wara l-1 ta' Lulju se jingħataw rifużjoni tal-boll li ħallsu.

Renta fuq proprjetà

Matul din is-sena, ingħatat l-għażla ta' *withholding tax* ta' 15 fil-mija fuq il-kirjiet residenzjali. Issa se nkunu qed nwessgħu din l-għażla għal proprjetà kummerċjali u għal kumpaniji. Kumpaniji li huma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji u li jikru lil xulxin se jkunu esklużi.

Proprjetà vakanti

Waħda mir-raġunijiet għall-proprjetà vakanti hija l-litigazzjoni bejn il-werrieta. Is-sitwazzjoni llum hija li jekk aktar minn 51 fil-mija tal-werrieta jaqblu fuq prezz sabiex ibigħu u l-werrieta l-oħra ma jaqblux, il-proprjetà tkun tista' tinbiegħ biss wara għaxar jew ħames snin minn meta tkun intirtet, skont meta tkun intirtet. Għaldaqstant, sabiex innaqqsu l-fenomenu tal-proprjetajiet vakanti, se nnaqqsu dan il-perjodu minn għaxar snin jew ħames snin għal tliet snin fil-konfront tal-proprjetajiet kollha li ntirtu u li għad iridu jintirtu.

Għalhekk, sal-aħħar ta' din is-sena l-Gvern se jgħaddi liġi sabiex dan il-perjodu ġdid ta' tliet snin jidħol fis-seħħ b'effett mis-sena d-dieħla wara li l-Gvern jagħmel emendi fil-liġi fl-ewwel kwart tas-sena. Din il-liġi se tkun qed tipprovdi wkoll li l-proprjetajiet kollha li jinbiegħu b'din il-proċedura jkunu jridu jiddaħħlu fl-elenku tal-proprjetajiet li jaqgħu taħt il-land registration area.

Biex inkomplu nnaqqsu l-bini vojt u nnaqqsu l-pressjoni għal bini ġdid, se nnaqqsu t-taxxa tal-boll bin-nofs – minn 5 fil-mija għal 2.5 fil-mija – għal dawk il-proprjetajiet f'Urban Conservation Area li l-kuntratti tagħhom jiġu finalizzati bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2016.

Wara li fil-Baġit tas-sena li għaddiet neħħejna l-fees tal-MEPA fuq permessi li joħorġu fi proprjetajiet f'UCAs, biex inkomplu ninċentivaw ir-riġenerazzjoni tal-villaġġi tagħna, għal matul is-sena d-dieħla se nkunu qed innaqqsu wkoll it-taxxa fuq il-bejgħ tal-proprjetà (Final Witholding Tax) minn 8 fil-mija għal 5 fil mija għal persuni li se jkunu qegħdin ibigħu l-proprjetà li jkunu rriġeneraw bini f'żoni ta' konservazzjoni urbana. Din ir-riġenerazzjoni ssir skont id-dispożizzjoni eżistenti fil-liġi.

Proprjetà kummerċjali abbandunata

Il-Gvern jixtieq jgħolli l-livell tal-ambjent li ngħixu fih, u l-proprjetà abbandunata hija fattur li jkerrah il-lokalitajiet tagħna. Se nibdew minn bini kummerċjali – bħal showrooms – li jkun tħalla mitluq u miftuħ u, f'ċerti każijiet, ikun perikoluż u faċilment jista' jweġġa' xi ħadd fih, minbarra li jkun ikerrah l-ambjent. Għal dan il-għan, il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni biex jiġi mfassal pjan sabiex jiġi stabbilit obbligu fil-liġi li proprjetà kummerċjali tinżamm fi stat tajjeb, u liema sanzjonijiet jistgħu jittieħdu jekk dan ma jsirx.

## Rifużjoni ta' VAT imħallsa fuq it-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-karozzi

Kif wegħedna matul din is-sena komplejna nagħtu pagament *ex-gratia* relatata mat-taxxa ta' reġistrazzjoni li kien tħallas żejjed minn persuni li kienu rreġistraw vettura bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008. Issa s-sena li jmiss se jitħallsu lura l-ammont kollu ta' taxxa lil dawk li rreġistraw vettura matul l-2005. Dan ifisser li sal-aħħar tas-sena d-dieħla se nkunu ħallasna lura b'kollox madwar 9.7 miljun ewro f'taxxa li kienet inġabret żejda.

## Prezzijiet tal-fjuwil

Il-prezzijiet tal-fjuwil se jerġgħu jorħsu minn Jannar li ġej. Dan għax l-Enemed, ikkonkludiet ftehim li permezz tiegħu l-prezz tal-petrol se jorħos bi 3 ċenteżmi ta' ewro waqt li dak tad-*diesel* se jorħos b'4 ċenteżmi ta' ewro. Dawn il-prezzijiet jinkludu żieda fid-dazju ta' 3 ċenteżmi ta' ewro f'kull każ.
Ir-rata ta' dazju tas-sisa fuq żjut lubrikanti se tiżdied ukoll b'2 ċenteżmi ta' ewro waqt li l-pitrolju se jiżdied bi 3 ċenteżmi tà ewro fil-litru. Is-sisa fuq il-*fuel oil* se tiżdied bi 3 ewro fit-tunnellata.

Se nkomplu naħdmu għal stabbilità fil-prezz tal-gass. Il-prezz eżistenti se jinżamm stabbli sal-aħħar ta' April li ġej. Dan huwa l-orħos prezz fl-aħħar 4 snin. Ifisser ukoll li dan il-prezz se jkun inżamm stabbli għal 9 xhur sħaħ inkluż fix-xhur kesħin tax-xitwa.
Dan il-Gvern qed ifittex stabbilità minflok tibdil fil-prezz minn xahar għal xahar, bil-konsumaturi jkollhom iġorru ż-żidiet kull darba li dan jiżdied. Infakkru li dan il-Gvern raħħas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għan-negozji u għall-familji meta ħaddieħor kien għolla l-kontijiet u għolla l-prezzijiet tal-petrol u tad-*diese*l b'20 fil- mija meta kellu l-irħas prezz internazzjonali taż-żejt.

## Kontribuzzjoni Ambjentali

Pajjiżna miexi sewwa sabiex jibda jospita madwar 2 miljun turist fis-sena u dana bi profitt akbar lis-settur privat. Filwaqt li t-titjib fit-turiżmu qiegħed joħloq ħafna ġid fl-ekonomija, irridu

nassiguraw li pajjiżna jkollu l-infrastruttura mixtieqa u ta' kwalità li tiflaħ għal dan l-iżvilupp u s-suċċess li qegħdin nagħmlu, filwaqt li nieħdu inizjattivi konkreti ħalli l-akkomodazzjoni kollha li mhix liċenzjata tkun liċenzjata.

Il-Gvern ħa d-deċiżjoni li mill-1 ta'April 2016, se tiddaħħal kontribuzzjoni ambjentali li se titħallas mit-turisti kollha, mill-età ta' 18-il sena 'l fuq, li jżuru pajjiżna. Din se titħallas bir-rata żgħira ta' 50 ċenteżmu ta' ewro għal kull lejl li turist iqatta' Malta, iżda sa massimu ta' 5 ewro għal kull żjara. Għal dan il-għan se jsiru d-diskussjonijiet kollha mal-partijiet involuti dwar it-twettiq ta' din il-miżura.

Id-dħul minn din il-miżura, li mistenni jkun ta' madwar 6 miljuni, se jitħaddem mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp Ta' Żoni Turistiċi bil-għan li jsir 'upgrading', titjib u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi ewlenin fil-pajjiż. Din il-Fondazzjoni se tinbidlilha l-istruttura tagħha u se tieħu l-forma ta' *Public Private Partnership* bis-sehem tal-MHRA. Il-Gvern biħsiebu jagħmel kontribuzzjoni addizzjonali b'risq dan il-Fond.

B'din il-miżura se nkunu qegħdin ninvestu fi prodott turistiku aħjar u fis-sostenibbiltà tal-qasam turistiku f'pajjiżna sabiex iħalli aktar benefiċċju ekonomiku għal kulħadd fil-futur.

### Ir-Riforma tal Eko-Kontribuzzjoni

Kif imwiegħed fil-baġit tas-sena l-oħra, fl-ewwel ta' Settembru li għadda neħħejna l-eko-kontribuzzjoni minn fuq il-prodotti elettriċi u dawk elettroniċi. Dan kien l-ewwel pass fir-riforma li jrid jagħmel il-Gvern f'dan il-qasam sabiex jassigura li jkun hemm bilanċ iktar ekwu fis-suq.

Sadattant, hemm uħud minn dawn il-prodotti li fuqhom qed titneħħa l-eko-kontribuzzjoni li jniġġżu jew li hija problema biex jiġu mnaddfa. Fil-każ ta' dawn il-prodotti, din it-taxxa se tiġi

sostitwita b'dazju tas-sisa, biex jinżamm il-messaġġ favur l-ambjent filwaqt li s-sistema tkun aktar faċli tiġi implimentata u tnaqqas l-abbużi. It-tabelli fl-Annessi ma' dan id-diskors juru sew it-tnaqqis fl-eko-kontribuzzjoni, kif ukoll iż-żieda fid-dazju tas-sisa li se tieħu postha fil-każ ta' dawn il-prodotti. Dawn jinkludu 'chewing gum', basktijiet tal-plastik u kontenituri tax-xorb u ta' xarbiet non-alkoħoliċi. B'dawn l-aġġustamenti qed inkomplu niskuraġġixxu prattiċi ta' konsum li huma ta' detriment għall-ambjent.

Matul is-sena d-dieħla se jsiru d-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-partijiet konċernati sabiex jintemm il-proċess għat-tneħħija kompleta ta' din it-taxxa. Dan il-proċess għandu jitlesta sal-1 ta' Settembru 2016.

## Dazju fuq Tabakk u Siment

Għal raġunijiet ta' saħħa u ħarsien tal-ambjent, se tkompli togħla s-sisa fuq is-siment b'5 ewro fit-tunnellata, kif ukoll fuq is-sigaretti u tabakk kif murija fl-Anness. Il-prezz fis-suq ta' pakkett sigaretti se jiżdied b'medja ta' 30 ċenteżmu kull pakkett.

## 3: INKOMPLU NINKORAĠĠIXXU X -XOGĦOL

### Biex is-suq tax-xogħol jaħdem aħjar

Ekonomija f'saħħitha teħtieg tisħieħ tal-istituzzjonijiet ewlenin tagħha fosthom fis-suq tax-xogħol. Dan hu li ser jitwettaq fil-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ li għal quddiem ser tibda tissejjaħ JobsPlus. Se jitwaqqaf wkoll unit magħmul minn analisti tas-suq tax-xogħol li jwettqu riċerka u jagħtu pariri f'dan il-qasam. Bi qbil mal-imsieħba soċjali fi ħdan l-MCESD, se nkunu qed nippreparaw templates ta' kuntratti ta' xogħol. Dawn jitpoġġew online u jkunu jistgħu jiġu downloaded minn kullħadd. B'hekk nassiguraw li l-ħaddiema kollha ikollhom kuntratt ta' xogħol li jirrifletti l-kundizzjonijiet kif stabbiliti mill-liġi.

Fix-xhur li ġejjin, se jkun qed jitqassam Charter bil-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol f'kull dar f'Malta u Għawdex sabiex il-partijiet kollha involuti, inklużi ħaddiema f'setturi vulnerabbli, ikunu mgħarrfa bil-kundizzjonijiet bażiċi li huma jistennew li jkollhom fil-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom.

Għadu kif tlesta x-xogħol fuq il-Job Matching System, xogħol li sar mal-VDAB fil-Belġju. Huwa mistenni li fil-ġimgħat li ġejjin jibda jsir it-taħriġ ma' min iħaddem u min qed ifittex ix-xogħol.
Se nerġgħu nagħtu spinta lill-koperattivi fejn l-unions jistgħu ikollhom rowl pro-attiv fit-twaqqif tagħhom.

Minbarra li l-qgħad fost iż-żgħażagħ nieżel, qed naħdmu sabiex kemm jista' jkun ħafna jkunu dawk li jsibu xogħol li jkunu jixtieqU. Għalkemm jidher li f'Malta l-istudenti universitarji u tal-MCAST ma jkollhomx diffikultajiet kbar biex isibu impjieg, permezz tal-miżura tal-Job Practice l-istudenti ta' l-MCAST se jiġu offruti ċ-ċans li jkabbru l-portafoll tal-ħiliet tagħhom.

**Aċċess għat-Taħriġ u għall-Impjiegi**
L-Active Labour Market Policies imħaddma minn dan il-Gvern ħallew impatt pożittiv fis-suq tax-xogħol kif juru r-riżultati. Matul ix-xhur li ġejjin ser ikomplu jiġu mnehdija diversi inizjattivi biex aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Issa li l-ETC bdiet tħaddem il-Work Programme, fejn tlett operaturi privati ser ikunu qed jgħinu billi jsibu xogħol lil dawk li ilhom jirreġistraw. Minn Novembru li ġej il-Gvern ser iniedi l-'Access to Employment' (A2E). Din l-iskema se tkun qegħda tipprovdi għajnuna lill-intrapriżi biex tippromwovi opportunitajiet ta' impjiegi fid-dinja tax-xogħol lil dawk li huma fost l-aktar żvantaġġjati mingħajr xogħol jew qegħdin ifittxu xogħol.

Wara s-suċċess tat-Training Aid Framework, issa ser ikollna l-Investing in Skills. Kif sar matul din is-sena, ser ikun qed jitħallas dak dovut lill-employers fi żmien ftit xhur u mhux wara snin. Mis-sena d-dieħla ser tiġi mnehdija 'Training Pays'. B'liema jiġu nkoraġġuti aktar persuni jieħdu t-taħriġ li għandhom bżonn u fejn jiġi ssussidjat parti mill-ħlas fuq it-taħriġ.

Il-Work Exposure u t-Traineeships kienu strumentali biex jitnaqqas il-qgħad. Għaldaqstant għas-seba' snin li jmiss ser nkunu qed noffru 500 work exposure u traineeship fis-sena. Dan ser jgħin biex ikompli nieżel il-qgħad għall-inqas livelli li qatt kellu pajjiżna.

**Community Work Scheme**
Ħdimna biex dawk il-persuni li jinsabu fil-Community Work Scheme jiġu ngaġġati f'impjieg full-time taħt aġenzija privata. Wara sejħa għall-offerti, l-kumitat ta' evalwazzjoni wasal biex jikkonkludi l-proċess. Fix-xhur li ġejjin se titwettaq din il-wegħda li permezz tagħha għexieren ta' persuni se jinħarġu mill-prekarjat.

**Ġlieda Kontra l-Prekarjat**

Dan il-Gvern sa mill-ewwel ġranet tiegħu għamel gwerra bla preċedenti lix-xogħol prekarju. Eluf ta' ħaddiema kienu qed jiġu sfruttati b'tidwir mal-liġijiet tax-xogħol u agħar minn hekk kien il-gvern stess li qed jisponsorja l-prekarjat meta jixtri servizzi b'tender. L-agħar forom ta' prekarjat wiehed kien isibhom fit-tindif, fis-sigurta` u fil-caring. Illum il-folja inqalbet iżda għad hemm ftit min iħaddem li għadhom qed jabbużaw mis-sistemi.

Fl-ewwel pass li għamel dan il-gvern iddaħħlu għadd ta' regoli ġodda fosthom dwar tagħrif li għandhom jingħataw il-ħaddiema dwar id-dħul tagħhom u wkoll dwar is-*sub-contracting*. Mill-2015 mijiet ta' ħaddiema gawdew minn miżura oħra li tat il-paga bażika li jieħdu l-ħaddiema tal-gvern lill-ħaddiema tal-kuntrattur li jkunu qed jagħmlu l-istess xogħol hekk malli jidħol fis-seħħ kuntratt ġdid. Din is-sena 400 ħaddiem aktar se jgawdu hekk kif jidħol fil-seħħ il-kuntratt il-ġdid tal-kumpanija tagħhom.

Din is-sena twaqqaf ukoll Tribunal Għas-Sanzjonijiet Kummerċjali li japplika l-*blacklisting* jiġifieri li jżomm kumpaniji milli jippartecipaw minn għoti ta' kuntratti jekk jinsabu ħatja li pprattikaw il-prekarjat.

Aktar minn hekk iżda qed isir monitoraġġ kontinwu tas-sistemi adottati u hemm djalogu miftuħ mal-unions biex insegwu dak li qed iseħħ mhux biss fis-settur pubbliku imma wkoll fis-settur privat fejn hemm ukoll problemi ta' prekarjat.

## Garanzija taż-Żgħażagħ

Fl-ewwel sentejn li ġiet implimentata l-Garanzija taz-Żgħażagħ, il-qgħad fost iż-żgħażagħ niżel minn 14.0 fil-mija għal 8.7 fil-mija. Dan huwa fost l-aħjar tnaqqis li ġie reġistrat fost il-pajjiżi Membri tal-Unjoni Ewropeja. Is-suċċess miksub jimliena bil-kuraġġ għaż-żmien li ġej u għaldaqstant din il-garanzija ser tkompli tiġi offruta fis-snin li ġejjin.

## Persuni b' Diżabilità fid-Dinja tax-Xogħol

Din is-sena tajna bidu għal waħda mill-akbar riformi soċjali ta' kull żmien fil-qasam tax-xogħol u persuni b'diżabilita`, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-liġi li teħtieġ li kumpaniji mdaqqsa u kbar josservaw il-ligi u jimpjegaw persentaġġ ta' persuni b' diżabilità.

Għamilna konsultazzjonijiet, u filwaqt li flimkien mal-employers identifikajna numru ta' diffikultajiet, determinati li s-sistema se tirnexxi.

Ir-riżultati diga` qed jidhru. Filwaqt li qabel, l-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ kien jirnexxielha ssib xogħol għal anqas minn 100 persuna b' diżabilità fis-sena. Issa qed jirnexxielna nżidu xogħol għal 24 persuna b'diżabilità fix-xahar. Dan ħuwa riżultat ta' Ekonomija b'Saħħitha, u Gvern li determinat li jaħdem b' kuxejnza soċjali.

Din is-sena, il-kontribuzzjoni mill-kumpaniji li jimpjegaw aktar minn għoxrin ħaddiem u li ma josservawx il-liġi hija ta' €800 għal kull ħaddiem b' diżabilita` li ma jimpjegawx. Kif diġa` mħabbar, din se tiżdied għal €1,600 għas-sena d-dieħla.

Dawn il-flus se jintużaw fi ħdan il-Fondazzjoni Lino Spiteri biex nagħtu taħriġ u nsibu xogħol lil persuni b' diżabilita', kif ukoll li nimpjegaw aktar job coaches biex jgħinu lil employers u lil persuni b' diżabilita' fuq il-post tax-xogħol.

Biex inħeġġu aktar employers jimpjegaw persuni b' diżabilità, se nġeddu l-inċentivi li l-Gvern iħallas il-bolla għal dawn l-impjegati, filwaqt li l-employers jingħataw 25% tal-paga lura flimkien ma' sussidju ta' €125 fil-gimgħa għal tliet snin.

**Immigranti illegali u s-suq tax-xogħol**

Dan il-Gvern għandu l-kuraġġ li jaffronta l-problema tax-xogħol illegali u sfruttament ta' immigranti illegali. Minbarra li jiġu sfruttati huma, din l-illegalita` qed timmina l-kundizzjonijiet ta' ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Se jitnieda proċess ta' konsultazzjoni dwar sistema ta' Immigration Work Office f'forma ta PPP. Permezz ta' din is-sistema, kull min jixtieq jimpjega immigrant għal numru ta' sigħat limitati, jkun jista' jagħmel dan b'mod legali fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu legali. Ir-rata ta' ħlas għadha trid tkun determinata u se naraw li ma jkunux żvantaġġati l-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Aktar tlajjar bħal ma jsir fil-Marsa mhux se jibqa' jkun ittollerrat, kif wkoll se jsir clamp-down u jiżdiedu l-pieni fuq minn jimpjega persuni llegalment.

## 4: NINVESTU FL-EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

It-titjib fir-riżors uman hija parti integrali tal-viżjoni ta' dan il-Gvern. Minħabba li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-bniedem, kwalità għolja tal-edukazzjoni hija strumentali sabiex bħala pajjiż nkunu iktar produttivi. Se nkomplu ninvestu f'għalliema fejn se nkomplu bl-iskema li biha l-għalliema ikunu jistgħu jieħdu sena *leave* bil-ħlas waqt li jkunu qegħdin ikomplu jistudjaw għall-iżvilupp professjonali tagħhom.

### Stipendji għal Mature Students

Se nibdew nagħtu stipendju lil mature students sas-sena skolastika 2014-2015 kien hemm 276 student li kienu qed isegwu kors f'livell ta' edukazzjoni ogħla fl-MCAST u l-Università ta' Malta u li kienu aċċettati biex jidħlu għall-kors rispettiv taħt il-klawsola tal-maturità. Dan l-istipendju se jibda jingħata mill-ewwel ta' Jannar tas-sena tas-sena dieħla.

Il-kwalità hija essenżjali. Se jitwaqqaf in-National Skills Council fejn se jkunu studjati l-bżonnijiet tal-industrija u s-sehem tal-edukazzjoni. Se nsaħħu r-regolatur għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla ħalli tissaħħah il-funzjoni fis-settur. Żdiedet wkoll l-allokażżjoni għan-National Book Festival.

### Tablet għal Kull Wild

Bil-għan li titwettaq il-wegħda li tingħata Tablet għal Kull Wild (One Tablet Per Child) kif imfisser fil-programm tal-Gvern, f'Marzu 2014 tnieda Proġett Pilota sabiex inizjattiva nazzjonali bħal din issir fuq pedamenti sodi. Se jibdew jiġu mwettqa r-rakkomadazzjonijiet tar-rapport ta' riċerka, fosthom billi jsiru s-sejħiet biex jinxtraw it-tablets, jibda t-taħriġ għall-għalliema, tissaħħaħ l-infrastruttura teknika tal-Internet fl-iskejjel, u jsiru tħejjijiet oħra amministrattivi għall-proġett nazzjonali li jibda minn Ottubru 2016.

## Bini ta' Skejjel u Faċilitajiet Edukattivi

Wara li din is-sena fetħet l-Iskola Nazzjonali ġdida tal-Isport, huma ppjanti wkoll numru ta' xogħlijiet u manutenzjoni infrastrutturali fosthom l-estensjoni taċ-ċentru tal-Wardija, il-grawnd fl-iskola ta' Marsaskala, l-iskola sekondarja superjuri f'Ħal Kirkop u f'Ħad-Dingli, u l-bini li kien tat-Teżor għall-użu tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ser tibda l-ewwel fażi tal-iskola l-ġdida f'San Pawl il-Baħar u x-xoghol fuq l-isports track ta' Pembroke.

## Ninvestu f'iskejjel tagħna

Għas-sena d-dieħla wkoll lill-iskola Mariam Al Batool ser nagħtuha allokazzjoni finanzjarja biex jinbena sular ġdid biex jilqgħu aktar studenti.

## Università ta' Malta

Qegħdin inkomplu ninvestu fl-Università ta' Malta. Tkompla x-xogħol fuq Masterplan tal-Università. Sejħa li tistieden lis-settur privat biex jiżviluppa fi sħubija mal-Università, ċentru residenzjali u tal-komunità ġiet ippubblikata reċentement. Huwa previst li dan il-proġett se jittrasforma l-Università ta' Malta f'belt akkademika li tkun attiva fuq bażi ta' erba' u ghoxrin siegħa kuljum matul il-gimgħa kollha.

Se jingħata bidu wkoll għal xogħol fuq il-campus gewwa Ghawdex li meta jitlesta għandu jattira numru ta' studenti f'istudji fuq livell ta' dottorat u anke post-doctoral researchers.

L-Università ta' Malta ser twaqqaf entità ġdida biex tħares il-kwalità tas-servizzi li toffri minn kull dipartiment, u oħra biex tipprovdi servizz konsolidat għall-akkademiċi bħala għajnuna amministrattiva fuq ir-riċerka. Se tkun qed tibni faċilitajiet ġodda għall-Post Doc u se testendi l-bini tal-Matematika u l-Fiżika.

**MCAST**

L-MCAST ser jissokta bit-trasformazzjoni tal-istrutturi tiegħu tal-Foundation College, Technical College u University College. Dan il-Kulleġġ se jkompli jsaħħaħ u jifrex aktar l-iskema tal-apprentistat filwaqt li jiġu introdotti forom oħra ta' *work based* learning f'livelli differenti. Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-bini ta' kampus ġdid se jitkompla l-bini tal-kampus il-ġdid inkluż il-blokok ġodda tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport, il-Librerija u l-Learning Support Unit.

**Biex ħadd ma jaqa' lura fl-edukazzjoni**

Din is-sena se nkomplu bil-programm ta' Childcare b' xejn, fejn aħna l-uniku pajjiz fl-Ewropa li noffru dan it-tip ta' inċentiv. Kburin b' dan l-investiment li permezz tiegħu ħafna nisa qegħdin joħorġu jaħdmu għall-ewwel darba, u l-familji qed isibu appoġġ mill-Gvern filwaqt li jiffrankaw madwar €5,000 ghal kull wild. Dawn huma flus li qed jibqgħu fil-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin.

Determinati li nkomplu ninvestu. Flimkien ma' Projects Malta hu ppjanat li jinfetħu Child Care Centres ġodda għat-tfal f'Ħaż-Żebbuġ, San Ġiljan, u l-Furjana.

Se jigi imniedi programm ġdid ta' screening bl-isem ta' 'Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna' fost it-tfal minn eta' bikrija biex jiġu identifikati l-bżonnijiet speċjali tagħhom bla ma jkun tard wisq għat-tfal biex jingħataw is-sapport meħtieġ.

Se inkomplu nsaħħu l-programm bilingwu 'Aqra Miegħi/Read with Me' li hu mmirat għal trabi u tfal ta' taħt it-tliet snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom. Ser nissoktaw bil-programm 'Aqra kemm tiflaħ' biex ikompli jiżdied il-qari fost it-tfal tal-iskejjel primarji u l-istudenti tal-iskejjel medji. Kull skola li tissieħeb fil-programm tingħata 100 ktieb, 50 bil-Malti u 50 bl-Ingliż għal kull klassi.

Biex inkomplu noffru alternattiva b'valur miżjud lill-istudenti li għal diversi raġunijiet jaqgħu lura fl-istudji tagħhom, ser nintroduċu f'Malta l-Prince's Trust biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem u jiksbu ħiliet li jgħinuhom jintegraw fis-soċjetà.

Ser niftħu wkoll skola ġdida fil-Gżira għal studenti ta' 16-il sena li jkunu għaddew minn eżami wieħed biss tas-SEC biex nagħtuhom ċans ieħor li jissoktaw fit-tagħlim jew eventwalment fit-taħriġ u fix-xogħol. Lil dawn l-istudenti ser nagħtuhom stipendju.

## 5: NINVESTU BIEX INTEJBU L-PRODUTTIVITÀ U NŻIDU L-KOMPETITTIVITÀ TA' PAJJIŻNA

Irridu li pajjiżna jkun miftuħ għall-investiment barrani. Dan għax nemmnu li, jekk irridu nkomplu noħolqu l-opportunitajiet tax-xogħol u tal-ġid għal pajjiżna, irid ikollna attitudni pożittiva għall-investiment. Irridu wkoll inkunu miftuħa għal talenti u ħiliet li f'Malta għandha bżonnhom. Pajjiżi oħra qed jagħmlu minn kollox biex ikunu iktar business friendly. Fuq kollox, irridu nżidu l-kompetittività ta' pajjiżna.

### Enerġija

Fis-sentejn li għaddew qegħidna l-pedamenti għar-riformi meħtiega fil-qasam tal-enerġija, primarjament bit-titjib li sar fl-Enemalta, li minn korporazzjoni falluta ta' €1 qed terġa' tqum fuq saqajha, fost l-oħrajn permezz tal-investiment barrani ta' €320 miljun mis-sieħeb strateġiku Shanghai Electric Power, u bil-proġett tal-gas power station f'Delimara. Matul din is-sena komplejna wkoll bl-implimentazzjoni tar-roadmap ambizzjuz tagħna. Żammejna mal-wegħda elettorali u fit-tieni sena ta' din il-leġiżlatura estendejna r-roħs ta' 25% u 5% mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma għan-negozji wkoll. B'hekk, din is-sena qed nagħtu wkoll €80 miljun aktar fi bwiethom lill-familji u n-negozji tagħna.

B'differenza mill-Gvern ta' qabel, aħna qed naħdmu fuq pjan li mhux biss qed iwassal biex l-Enemalta terġa' tqum fuq saqajha iżda li permezz tiegħu raħħasna l-kontijiet b'mod responsabbli. Qegħdin ukoll f'diskussjonijiet mas-sħab soċjali biex, kif ipproponew uħud minnhom stess, naħdmu fuq inizjattivi varji. Fosthom, qegħdin nilqgħu proposta tal-MHRA għal programm ta' inċentivi għal enerġija effiċjenti. Qegħdin f'diskussjonijiet avvanzati wkoll maċ-Chamber of Commerce, mal-GRTU u mal-Malta Developers Association fuq proposti dwar enerġija nadifa. Se jiġu varati skemi ġodda li se jkomplu jikkontribwixxu għall-

kompetitivitivà kif ukoll għal ambjent aħjar. Malta din is-sena se tkun laħqet il-livell ta' 5% tal-enerġija li ġejja minn sorsi rinnovabbli.

Perjodu wara perjodu, il-qagħda finanzjarja tal-Enemalta qed tkompli titjieb. Dan qed ikun rifless ukoll fit-titjib fil-credit rating u fl-outlook ta' din il-kumpanija, li qed ikollu impatt pożittiv ukoll fuq il-credit rating tal-pajjiż inġenerali.  Fl-istess ħin, qed inħallsu l-muntanja dejn li ħaddieħor ħalla tinġema' mingħajr ma ħallas xejn minnu. L-Enemalta qed tmexxi wkoll 'il quddiem ħidma mas-sħab strateġiċi tagħha Shanghai Electric Power biex jibda l-operat taż-żewġ kumpaniji bi sħab, li se jwasslu biex il-Kumpanija tibda tinvesti fi proġetti internazzjonali ġodda fil-qasam tal-enerġija sostenibbli u fil-manutenzjoni tal-impjanti tal-elettriku (energy service centre).

Is-sena d-dieħla, pajjiżna se jkollu power station ġdida li taħdem bil-gass. Se tkun power station tal-ogħla livell f'termini ta' effiċjenza u ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan huwa proġett li qed jiġi konsistentament imfaħħar mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u anke mill-Kummissjoni Ewropea bħala wieħed kruċjali f'dan il-qasam wara ħafna snin li matulhom ma sar xejn sabiex tiġi indirizzata l-country-specific recommendation li ta' kull sena l-Kummissjoni Ewropea kienet toħroġ fuq Malta għal dan il-għan. Dan kollu wkoll qed iwassal biex Malta jkollha Ekonomija b'Saħħitha.

L-Enemalta qed tiffoka parti kbira mill-ħidma tagħha biex issaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bil-bini jew l-estensjoni ta' diversi distribution centres. Dan l-investiment hu essenzjali biex ikollna s-serħan il-moħħ fis-sistema li twassal l-elettriku mingħand l-Enemalta sad-djar u n-negozji tagħna, biex nassiguraw inqas power cuts u ħinijiet iqsar mingħajr dawl. L-importanza ta' dan qed tkompli tikber in vista tat-tkabbir tal-ekonomija Maltija b'diversi investimenti ta' ċertu kobor.

## Inċentivi għall-enerġija alternattiva

Matul l-2015 tnedew numru ta' inċentivi favur aktar investiment f'enerġija li tiġġedded u sabiex titjieb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Dawn l-inċentivi se jiġu estiżi wkoll għall-familji li m'għandhomx bejt fejn jinstallaw il-pannelli. Dan għaliex dawn il-familji se jingħataw l-opportunità li jinvestu fi proġetti ta' enerġija solari f'sistema ta' PV panels f'solar farm tal-komunità. Dan se jseħħ permezz ta' proġett bi sħab mal-privat, li fih se jiġu identifikati siti fejn jistgħu jiġu installati pannelli fotovoltajċi.
Din is-sena rnexxielna wkoll nikkonkludu b'suċċess ftehim mal-Unjoni Ewropea sabiex, għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, ġiet allokata s-somma ta' 58 miljun ewro f'fondi Ewropej intiżi għall-enerġija li tiġġedded u inċentivi oħra favur effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija.

Flimkien mas-settur privat tħejja wkoll qafas ta' livell Ewropew sabiex l-intrapriżi l-kbar ikunu jistgħu jiġu ċċertifikati minn professjonisti fl-użu effiċjenti tal-enerġija u b'hekk ikunu jistgħu jsiru aktar kompetittivi billi jnaqqsu l-ħela, b'impatt pożittiv fuq l-ambjent.

## Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Matul din is-sena, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kompliet ittejjeb il-qagħda finanzjarja tagħha u kompliet tixpruna numru sostanzjali ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea intenzjonati biex ikomplu jtejbu l-operat u d-distribuzzjoni. Dan l-investiment mistenni jkompli s-sena d-dieħla, fosthom bi pjan għall-konservazzjoni u l-iżvilupp tal-widien ta' pajjiżna bil-għan li mhux biss jitnaddfu iżda jsiru aktar aċċessibbli għall-familji. Se nibdew ukoll tħejjijiet biex nirriabilitaw ġibjuni pubbliċi, infrastruttura pubblika li sfortunatament fil-parti l-kbira tagħha mhix qed tintuża, biex nagħmlu użu aħjar mill-ilma tax-xita, titnaqqas id-dipendenza fuq l-ilma tal-pjan, u jitnaqqsu wkoll il-

perikli relatati mal-għargħar. Se nniedu Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma li se joffri esperjenza ta multi-media dwar l-importanza tal-ilma u l-bżonn ta' użu aħjar ta' dan ir-riżors.

### Deprezzament fuq l-ispiża kapitali

Se nkunu qed nintroduċu aktar miżuri li permezz tagħhom nagħtu inċentivi lill-investituri f'oqsma differenti. Hu maħsub li titwettaq miżura li biha l-investituri li jinvestu f'binjiet li l-iskop tagħhom ikun dak li jintużaw bħala uffiċini se jkunu jistgħu jibbenefikaw huma wkoll mil-leġiżlazzjoni eżistenti li toffri l-possibilità ta' tnaqqis tal-ispiża kapitali bħala deprezzament u li bħalissa huma eliġibbli għaliha binjiet industrijali, il-lukandi u l-parkeġġi.

### Konsolidament fiskali għall-kumpaniji

Qed naħdmu fuq l-introduzzjoni tal-kunċett ta' konsolidament fiskali ("fiscal consolidation") fil-liġi tat-taxxa fuq l-income li jippermetti li gruppi ta' kumpaniji tal-istess sidien ikollhom il-faċilità li jippreżentaw id-dħul tagħhom b'mod aggregat daqs li kieku kienu kumpanija waħda. Dan ikompli jissimplifika l-proċess tal-komputazzjoni tad-dħul.

### Liġi tal-insolvenza

Biex titjieb il-kompetittività, il-liġi li tittratta każijiet ta' falliment jew insolvenza tan-negozju se tiġi riformata. Dan għandu jwassal sabiex investituri, kredituri u banek ikunu jistgħu jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom fil-għarfien li f'każ ta' falliment ikun hemm proċess mgħaġġel.

### Export Trade Guarantee

Se ndaħħlu mekkaniżmu li permezz tiegħu tingħata garanzija lill-qasam ta' esportazzjoni lejn pajjiżi jew żoni li jippreżentaw riskju elevat.

### Ħidma favur l-intrapriżi żgħar

Il-Gvern impenjat li jkompli l-ġlieda kontra l-burokrazija żejda. Irridu nnaqqsu l-piż li jiffaċċja intraprenditur biex jiftaħ u jkabbar negozju f'Malta. Għad hemm bosta proċeduri amministrattivi li qed ixekklu u li jistgħu jinbidlu sabiex l-intraprenditur ma jkollux jitħabat ma' burokrazija żejda, u fl-istess waqt ma jitnaqqsux il-kontrolli fuq id-due diligence tal-intraprendituri. L-għan tagħna huwa li matul din il-leġiżlatura naslu li biex intrapriża tibda topera f'pajjiżna, il-proċess burokratiku jibda jieħu medja ta' mhux aktar minn gimgħa, ikkumparat mal-medja ta' tliet gimgħat li jieħdu llum. Dan kollu skond il-metodoloġija tar-rapport annwali 'Ease of Doing Business' tal-Bank Dinji.

### Programmi ta' assistenza

Bil-għan li tkun iktar effettiva fl-għajnuna li tingħata lill-intrapriżi li joperaw minn pajjiżna, il-Malta Enterprise kompliet bil-ħidma tagħha sabiex tiżviluppa numru ta' skemi ta' għajnuna, fosthom numru ta' programmi ġodda li se jiġu mnedija matul din is-sena u s-sena d-dieħla. Dawn huma:

### Għajnuna għall-artiġjanat

Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u l-Malta Enterprise se jniedu proġett pilota bl-għan li jitrawmu artiġjana ġodda li jkunu jistgħu jiżviluppaw setturi ta' artiġjanat tradizzjonali li llum huma fir-riskju li jintilfu. Dan il-progett hu mistenni li jiswa miljun ewro u se jipprovdi assistenza lill-artiġjana li joffru li jgħaddu dak li jafu lil ħaddieħor biex tiġi żviluppata skema ta' taħriġ minn istituzzjoni edukattiva.

### Assistenza għal start-ups

Wara li din is-sena ġiet imnedija l-iskema tal-Bstart, immirata biex toffri għajnuna lill-istart-ups, fil-jiem li ġejjin il-Malta Enterprise se tniedi skema oħra ta' assistenza għal kumpaniji start-ups ġodda. L-assistenza se tingħata f'forma ta' għotja li titħallas lura lill-korporazzjoni fuq perjodu ta' 10 snin. Din l-skema tipprovdi

assistenza finanzjarja li tista' tlaħħaq sa €200,000, pari passu mal-ekwità privata (private equity). Fil-każ ta' impriża innovattiva li tkun qed tiżviluppa prodotti, proċessi jew servizzi ġodda u li jkunu ta' livell ogħla minn dak li jkun qed jiġi offrut mill-industrija, l-assistenza tista' tlaħħaq sa' €500,000 u tingħata għax-xiri ta' apparat. Tista' tingħata wkoll assistenza lil kumpaniji li jipprovaw jiġġeneraw fondi permezz tal-crowdfunding.

**Assistenza għal użu aktar effiċjenti tal-enerġija**
L-użu effiċjenti tal-enerġija huwa element importanti li jaffettwa l-kompetittività tal-industrija. Għaldaqstant, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Enerġija, il-Malta Enterprise se tniedi inċentivi fiskali biex tgħin lill-intrapriżi jagħmlu investimenti li jwasslu għal użu aktar effiċjenti tal-enerġija. L-assistenza se tinghata fuq investimenti għal progetti ta' koġenerazzjoni tal-enerġija u fuq spejjeż addizzjonali biex l-investimenti meħtiega jkollhom livell ogħla ta' effiċjenza.

**Assistenza għar-riċerka u l-innovazzjoni**
Biex niffaċilitaw aktar ir-riċerka u l-innovazzjoni, intraprizi li jimpjegaw persuni li għandhom dottorat jew qed jistudjaw għal dottorat fix-xjenza, fl-informatika u fl-inġinerija, jingħataw kreditu fiskali sa massimu ta' €10,000 meta l-impjiegi jkunu miżmuma għal aktar minn 12-il xahar.

**Assistenza għall-intrapriżi zgħar fis-settur tal-manifattura**
In-nuqqas ta' spazju industrijali qed jagħmilha diffiċli għall-intrapriżi żgħar fil-manifattura biex isibu spazju addattat bi prezz sostenibbli, speċjalment f'perjodu ta' tkabbir meta l-intrapriża tkun trid iżżid l-ispiża fl-investiment. Għaldaqstant, il-Malta Enterprise se tniedi inċentiv biex intrapriżi żgħar li jikru spazju addizzjonali mingħand il-privat għal skop ta' manifattura jingħataw kumpens għar-rilokazzjoni tagħhom. L-għajnuna tista' tingħata għal perjodu massimu ta' sentejn, sa €10,000 ewro fis-sena.

**Assistenza għal knowledge transfer**

Il-Malta Enterprise se tniedi skema ta' assistenza biex tgħin fit-trasferiment tal-għarfien (knowledge transfer) fl-intrapriżi. L-għajnuna se tkun intenzjonata biex il-ħiliet eżistenti tal-impjegati jkunu jistgħu jiġu trasferiti għal impjegati ġodda, u biex ħaddiema Maltin jakkwistaw ħiliet ġodda neċessarji biex jinġieb xogħol ġdid lejn Malta. L-assistenza se tingħata bħala kreditu ta' taxxa, iżda tista' tingħata wkoll bħala għotja finanzjarja fejn il-proġett ikun ta' importanza sinifikanti għall-iżvilupp tal-kumpanija.

## Assistenza biex inkabbru l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impriżi

Sabiex inkattru s-sens ta' intraprenditorija fost in-nisa, se jsiru tibdiliet fl-iskema tal-Micro Invest sabiex nisa self-employed u negozji li fihom ikun hemm maġġoranza ta' ekwità kontrollata minn nisa, jingħataw massimu ta' kreditu ta' taxxa ta' €50,000.

## Reġistrazzjoni ta' kumpaniji żgħar ġodda u l-MSE

Biex inkomplu nwaqqgħu l-ispejjeż għall-kumpaniji żgħar u medji, mis-sena d-dieħla kull min jirregistra kumpanija b'kapital ta' mhux aktar minn 1,500 ewro b'mod elettroniku se jibda jħallas 100 ewro minflok 250 ewro għar-reġistrazzjoni. Permezz ta' din il-miżura l-Gvern se jkompli jnaqqas il-piż minn fuq il-kumpaniji ż-żgħar.

Sadattant, għaddej xogħol mill-Borża ta' Malta sabiex isir pjan dwar l-iżvilupp ta' suq kapitali f'Malta għas-snin li ġejjin.

## Logistics policy

Tinsab fl-aħħar fażi tiegħa id-drafting tal-logistics policy, li permezz tagħha se ninkoraġġixxu aktar lin-negozju tal-ħażna u t-trasbord f'Malta. Din il-policy se ddaħħal kunċetti ġodda f'suq li jibbaża ruħu fuq il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta. Din il-policy qed titfassal filwaqt li qed jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sensittivitajiet ambjentali ta' pajjiżna.

**Negozju tal-familja u intraprenditorija soċjali**

Fil-ġimgħat li ġejjin se titnieda White Paper għal konsultazzjoni pubblika dwar proposti legali, inċentivi għall-governanza aħjar tan-negozju, kif ukoll inċentivi fiskali sabiex it-trasferiment tan-negozju bejn il-membri tal-familja jsir b'mod iktar sostenibbli. Fix-xhur li ġejjin se jitressaq ukoll l-abbozz ta' liġi dwar l-intraprenditorija soċjali.

**Koperattivi**

Se tissokta wkoll il-konsultazzjoni għal riforma ħolistika fis-settur tal-koperattivi. Din ir-riforma tinkludi reviżjoni tar-regolamenti li jirregolaw il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi u proċess ta' tisħiħ tal-liġi tal-koperattivi, fosthom dwar in-numru minimu ta' ħaddiema membri meħtieġ biex titwaqqaf koperattiva.

**Ħinijiet tal-ħwienet**

Hekk kif intemmet il-konsultazzjoni dwar il-White Paper dwar il-ħinijiet tal-ħwienet, il-Gvern se jkun qed iħabbar ir-regoli l-ġodda sal-aħħar tas-sena. Fit-teħid tad-deċiżjoni, se nżommu f'moħħna d-drittijiet tal-ħaddiema u l-flessibiltà.

**Proċeduri ta' tendering tal-Gvern**

Diġà sar ħafna f'dawn l-aħħar sentejn fil-qasam tal-proċeduri tat-tendering tal-Gvern biex innaqqsu d-dewmien minn meta jibda proċess sakemm jingħata tender. Imma għad fadal ħafna xi jsir. Sibna sitwazzjoni fejn il-proċess sħiħ jieħu kważi t-tripplu mill-medja fl-Ewropa. Dan beda jitnaqqas. Qed issir ħidma minn working groups li qegħdin jgħinu biex nissimplifikaw il-proċeduri filwaqt li jiġu osservati l-kontabilità u t-trasparenza. Matul is-sena d-dieħla, mistennija tidħol mewġa ġdida ta' bidliet li tagħmel il-public procurement procedures aktar sempliċi.

## Titjib fil-ftuħ ta' performance guarantees

Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-azjendi żgħar biex jipparteċipaw f'tenders pubbliċi u jagħmilhielhom aktar faċli biex jagħmlu dan. Għalhekk, se nniżżlu l-performance guarantee li tintalab minn 10% għal 4% meta l-valur tal-kuntratt ma jkunx jaqbeż il-nofs miljun ewro.

Barra minn hekk, se ndaħħlu l-kunċett tas-Single Bond, li jfisser li meta azjenda jkollha iktar minn kuntratt wieħed għaddej mal-istess dipartiment jew entità pubblika, tkun tista' toħroġ garanzija waħda minflok tkun trid toqgħod tiftaħ garanzija għal kull kuntratt li tirbaħ.

## Interessi u charges bankarji

Wara li fil-Bagit għall-2014 il-Gvern talab lill-MFSA u lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni (l-MCCAA) biex jeżaminaw is-sitwazzjoni tal-interessi u ċ-charges bankarji fuq il-kumpaniji, qiegħed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra r-rapporti finali mingħand iż-żewġ entitajiet.

Il-Gvern issa se jitlob lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni sabiex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet f'dawn ir-rapporti. Dan iwassal biex lin-negozji ma jiżdidulhomx l-ispejjeż u jibqgħu kompetittivi.

## Investimenti f'Identity Malta

Identity Malta se tagħti bidu għal proġett ta xiri ta' pjanti online, bi ftehim mal-MEPA, mid-dipartiment tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet. Dan għandu jwassal biex tiġi ffinalizzata sistema ġdida għar-riċerki tal-artijiet, kuntratti u dokumenti legali oħra fi ħdan id-dipartiment tar-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet. Wara ħafna snin, is-software prinċipali se jiġi mtejjeb b'aktar involviment tal-pulizija u l-ETC bħala stakeholders ewlenin fil-proċess. Investiment ieħor li se jsir mill-Aġenzija jirrigwarda l-proċess tas-

Single Permit, fejn il-permess tar-residenza u xogħol jinħareġ fl-istess dokument skont id-direttivi tal-UE.

Dan kollu fil-qafas ta' riforma sħiħa li qed issir f'qasam li tħalla lura għal snin sħaħ bi problemi li tħallew jinġemgħu

**Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali**

Il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment qed jafferma ruħu bħala l-aqwa wieħed fl-Ewropa u wieħed mill-aqwa fid-dinja. Sa issa nġabru aktar minn €75 miljun minn dan il-Programm. Dawn il-flus se jintużaw għall-ġid tal-familji Maltin u Għawdxin.

Minn dawn il-fondi, 70% se jkunu għad-dispożizzjoni tal-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali. Din hija l-ewwel darba li Malta, għax għandha Ekonomija b' Saħħitha, għandha fond simili li l-għan tiegħu huwa li jħares 'il quddiem u jinvesti għal-ġid ta' pajjiżna.

Il-Fond twaqqaf fil-ġimgħat li għaddew u se jkun immexxi minn membri distinti u kompetenti.

**National Development Bank**

Permezz ta' għajnuna teknika mill-Gvern Ġermaniż, ninsabu mexjin 'il quddiem fit-twaqqif tal-Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp, li għandu jkun pilastru importanti għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Ninsabu fl-aħħar fażi tat-taħditiet mal-Kummissjoni Ewropea biex titwaqqaf din l-istituzzjoni

**Education Malta, Property Malta u Malta Marittima**

Bit-twaqqif ta' Trade Malta, Conventions Malta u Yachting Malta wrejna li nemmnu fil-mudell ta' sħubija mas-settur privat sabiex nippromwovu setturi speċifiċi tal-ekonomija Maltija.

Għal matul is-sena d-dieħla, se nwaqqfu żewġ entitajiet ġodda, jiġifieri Education Malta u Property Malta. Dawn se jkunu qed jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' Malta bħala ċentru edukattiv u bħala pajjiż ta' proprjetà ta' kwalità, rispettivament.

Diversi setturi ekonomiċi f'Malta huma relatati direttament mal-qasam marittimu. Sabiex jinġiebu l-operaturi kollha f'dan il-qasam flimkien, twaqqfet Malta Marittima, li se tikkoordina l-politika tal-Gvern f'dan il-qasam b'mod ħolistiku. Dan għandu jagħti l-importanza xierqa għal qasam tal-blue economy li hu kruċjali għal pajjiżna.

**Mrieħel Masterplan**

Se naghtu bidu għal masterplan li huwa maħsub biex ibiddel id-dehra ta' dak li sal-lum huwa magħruf bħala ż-Żona Industrijali tal-Imrieħel minn waħda ta' telqa għal hub ta' negozju u kummerċ organizzat li jattira u jħajjar investiment ġdid fiż-żona. Għal dan il-għan għandha tinħoloq Fondazzjoni bejn il-Gvern u s-Settur Privat sabiex tmexxi pjan ta' ħidma.

**Inċentivi għall-industrija tal-films**

F'dawn l-ahhar snin, l-industrija tal-films esperjenzat żieda konsiderevoli ta' attività. Hekk kif l-industrija tal-films qed tikseb suċċess, il-Gvern għandu vizjoni ċara u qed jimplimenta strateġija konkreta sabiex din tkompli tikber. Se nkomplu nippromwovu lil Malta madwar id-dinja kollha u għal dan il-għan se jiżdiedu l-fondi allokati għall-marketing u l-PR.

## 6: NIRRIFORMAW U NINVESTU F'SETTURI TA' PRIJORITÀ

### Traffiku

Il-kwistjoni tat-traffiku qiegħda fuq l-aġenda tal-Gvern. Mis-sena 2000 'il hawn, it-traffiku f'pajjizna prattikament irdoppja. F'dawn l-aħħar sentejn u nofs ġew reġistrati medja ta' 40 vettura ġdida kuljum, u dawn qed joħorġu fit-toroq tagħna.

Filwaqt li t-traffiku minn dejjem kien qed jiżdied, fl-aħħar snin kien hemm fatturi li ħaffew ir-ritmu, fosthom l-għadd akbar ta' nies jaħdmu, proġetti ġodda mill-privat, u xogħlijiet ġodda ta' toroq.

Dan il-Gvern beda minn sitwazzjoni fejn ma sab l-ebda pjan fil-qasam tat-traffiku. Dan ma jfissirx li fl-aħħar 25 sena ma sar xejn, iżda pjan ma kienx hemm. Biżżejjed wieħed jistaqsi għaliex uħud mit-toroq ewlenin li saru tnaqqsu minn two-lane għal one-lane. Imbagħad wieħed jiskanta kif żdied it-traffiku.

### Toroq

Il-Gvern qed jaħdem fuq pjan li permezz tiegħu jipprioritizza l-proġetti infrastrutturali. Il-proġett tat-triq Tul il-Kosta kien wieħed minn dawk li l-aktar li mexa qrib l-iskeda. Xorta għad fadal xi jsir biex intejbu l-project management, li qabel ftit li xejn kien jeżisti. Bl-istess mod, hemm bżonn ta' aktar kordinament bejn entitajiet differenti bħat-Transport Malta, l-Enemalta u l-Water Services Corporation.

Konxjament, il-Gvern iddeċieda li ma jkunx hemm aktar minn proġett maġġuri wieħed kull darba, sabiex l-inkonvenjent ikun limitat. Il-proġett li jmiss u li se jibda s-sena d-dieħla wara l-preparamenti li saru huwa dak tal-junction tal-Kappara. Dan se

jkun segwit mit-triq tal-Marsa. Ovvjament, se jkun hemm inkonvenjent bix-xogħlijiet tal-Kappara, u se jkun hemm bżonn ta’ xogħol estensiv għal rotot alternattivi. Iżda nafu li, fl-aħħar mill-aħħar, dan il-proġett se jħalli effett tajjeb u se jħaffef it-traffiku, minkejja li matul l-24 xahar li matulhom se jsir ix-xogħol se jinħolqu problemi. Transport Malta se tipprova tilħaq bilanċ bejn li tara li l-kuntratturi jħaffu x-xogħlijiet billi jaħdmu anki bil-lejl, u li ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed għar-residenti tal-inħawi.

Transport Malta se tinvesti €13-il miljun, 3 miljuni aktar mis-sena l-oħra, f'bini u rranġar ta' toroq matul is-sena d-dieħla. Fost l-oħrajn, se jinbeda x-xogħol fuq Vjal ix-Xarolla, iż-Żurrieq, u se jsiru xogħlijiet fi Triq Patri Pelaġju u Triq Anthony Aquilina f'Ħaż-Żebbuġ. Sadattant, f’għadd ta’ toroq se nintroduċu b’esperiment it-tidal system, jiġifieri li minn kull erba’ lanes, tlieta jintużaw għad-direzzjoni fejn l-aktar ikun hemm traffiku skont il-ħin tal-ġurnata.

Hemm bżonn ta' qabża 'l quddiem fl-iżvilupp tal-infrastruttura tat-toroq f'pajjiżna. Nemmnu li din għandha ssir billi nużaw il-potenzjal tas-settur privat. Għal dan il-għan, Transport Malta qed taħdem ma' Projects Malta fuq it-tfassil ta’ Public-Private Partnerships differenti kif ukoll fuq it-tnedija ta’ programm ambizzjuż għal dan il-qasam. Dan il-mudell, li ma jitfax piżijiet ġodda fuq is-sewwieqa, se jitnieda fix-xhur li ġejjin.

Ninsabu fl-aħħar stadju tal-aġġudikazzjoni tal-iSmart Traffic Management System, li permezz ta’ kameras se timmonitorja t-traffiku, tibgħat messaġġi lis-sewwieqa, u tgħin biex tiġi kontrollata aħjar is-sitwazzjoni.

Sadattant, intemmet il-konsultazzjoni dwar l-użu tat-trakkijiet u ż-żwiemel fit-toroq u dalwaqt jittieħdu d-deċiżjonijiet.

## Trasport Pubbliku

Is-sistema tat-trasport pubbliku hija work-in-progress. M'hemmx dubju li kien hemm titjib fuq is-sistema ta' qabel, iżda għadna m'aħniex sodisfatti. Se nkunu qed nistennew li n-network il-ġdid kollu jidħol fis-seħħ u se nesiġu mal-operatur li nkomplu naraw titjib fil-frekwenza u fil-puntwalità.

## Trasport ta' l-iskejjel

Is-sena l-oħra introduċejna tax rebate għal dawk il-ġenituri li wliedhom jużaw it-trasport tal-iskola biex imorru fl-iskejjel tal-Knisja u indipendenti. Se nkunu qed neżaminaw modi oħra kif ninkoraġġixxu l-użu ta' dan il-metodu ta' transport għall-iskejjel tal-Knisja u indipendenti.

## Trasport tax-xogħol

Fl-istess ħin, Transport Malta se tieħu ħsieb biex, flimkien mal-Malta Enterprise, tidħol f'taħditiet mal-korpi kostitwiti, mat-trade unions u mal-assoċjazzjonijiet taż-żoni industrijali, biex indaħħlu sistema ta' inċentivi għal dawk il-postijiet tax-xogħol li joffru trasport lill-ħaddiema tagħhom, li jingħaqdu flimkien biex joffru dan it-trasport, jew li jinċentivaw lill-ħaddiema tagħhom biex jużaw it-trasport pubbliku.

## Mezzi oħra ta' Trasport

Sadattant, bil-proġett tal-Connections, li ħarget sejħa għalih, se naraw li t-trasport bil-bahar mill-Belt Valletta u lejha minn Tas-Sliema u min-naħa ta' isfel tal-pajjiż isir aktar aċċessibbli. Qed neżaminaw ukoll kif ikun aktar komdu li nies li jaslu x-Xatt ikunu jistgħu jitilgħu fiċ-ċentru tal-Belt b'mod aktar komdu.

B'mod strateġiku, il-Gvern qed jeżamina metodi alternattivi ta' trasport, fosthom permezz ta' tunnels taħt l-art, kif ukoll people movers fuq l-art.

## Konsultazzjoni

Matul ix-xhur li ġejjin, Transport Malta se timbarka fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa mas-sewwieqa u ma' dawk kollha li jużaw it-toroq b'mod regolari, sabiex tisma' ideat dwar kif jista' jitħaffef it-traffiku, kif ukoll biex jiġu identifikati aħjar toroq u ċirkustanzi li qed joħħolqu aktar konġestjonijiet.

## Mezzi ta' transport aktar nadif

Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport li ma jniġġsux u li fl-istess ħin ikunu ta' ġid għas-saħħa tal-individwu. Wara li 'l fuq minn tmienja u tmenin individwu applikaw għall-iskema li nedejna fl-aħħar Baġit, se nestendu din l-iskema ta' għotja ta' 15.25% tal-prezz fuq roti u roti tal-elettriku filwaqt li l-massimu tal-għotja se ntellgħuha għal €250. Fl-istess ħin, Transport Malta se taħdem fuq National Cycle Plan.

Barra minn hekk, se nagħtu inċentiv lil dawk l-azjendi li jinvestu f'bicycle racks ħalli l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti meta jużaw dan it-tip ta' trasport biex imorru fil-post tax-xogħol. Għal dan il-għan se jiġi allokat fond ta' €150,000, li permezz tiegħu l-Gvern se jkun qed joħroġ nofs l-ispiża li tkun għamlet l-azjenda. Se nwaqqfu fond ta' €30,000 sabiex inħeġġu lill-kunsilli lokali biex jinkoraġġixxu l-użu tar-roti fil-lokalità tagħhom.

## Scrappage schemes

Il-Gvern qed jerġa' jdaħħal l-iskema għall-iskrappjar ta' vetturi qodma u li jħammġu aktar. Permezz ta' din l-iskema, il-Gvern se jagħti għotja meta tiġi skrappjata karozza li jkollha 10 snin jew aktar meta tinxtara waħda ġdida. Sabiex ninċentivaw l-użu ta' vetturi li huma żgħar u li jniġġsu anqas se tingħata għotja ta' €7,000 meta tinxtara vettura elettrika ġdida u tiġi skrappjata vettura; ta' €4,000 meta tinxtara vettura elettrika iżda l-ebda vettura ma tiġi skrappjata; u ta' €2,000 għal electric quadricycle. Fil-każ ta' vetturi tal-passiġġieri se tingħata għotja ta' €2,000 għal

vettura hybrid b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ta' bejn 50 u 65g/km; ta' €3,000 għal vettura plug-in hybrid electric b'emissjonijiet ta' dijossidju tal-karbonju ta' bejn 1 u 50g/km; ta' €900 meta tinxtara vettura b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju li ma jeċċedux il-100g/km; filwaqt li se tingħata għotja ta' €700 meta tinxtara vettura b'emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju ta' bejn 101g/km u 130g/km. Dawn l-iskemi se jibdew mill-1 ta' Jannar 2016.

## Aktar inċentivi għal karozzi li jniġġsu anqas

Nafu li sors ewlieni ta' tniġġis fl-arja huma l-karozzi. Sabiex inkomplu nħeġġu x-xiri ta' vetturi li jħammġu anqas, kull min għandu vettura hybrid jew li taħdem bl-elettriku se jiġi eżentat milli jħallas it-tariffi tas-CVA, li huma applikabbli meta vettura tidħol il-Belt.

Azjendi li jixtru vetturi hybrid jew li jaħdmu bl-elettriku, fl-ewwel sena se jkunu jistgħu jinkludu fir-return tat-taxxa tnaqqis kapitali ta' ħamsin fil-mija tal-prezz tal-vettura.

Karozzi li għandhom iżjed minn 160,000 kilometru se jintalbu jagħmlu l-VRT kull sena minflok kull sentejn.

## Ninkoraġġixxu l-użu ta' muturi żgħar

Se ninkoraġġixxu aktar persuni biex jagħżlu muturi żgħar minflok karozzi. Għal dan il-għan, għas-sena li ġejja, se nnaqqsu drastikament il-liċenzja għal muturi żgħar ta' 125cc għal flat rate nominali ta' €10 fis-sena. Se nneħħu wkoll kull taxxa ta' reġistrazzjoni fuq muturi elettriċi. Transport Malta se timbarka fuq kampanja ffukata fuq is-sigurtà fit-toroq tagħna.

**Policy dwar car sharing u car pooling**

Għaddejjin bit-tħejjijiet ta' policy dwar car sharing u car pooling li tispjega l-vantaġġi li se jkun jista' jgawdi minnhom min jaħdem flimkien jekk juża karozza waħda. Għal dan il-għan, Transport Malta għenet fl-iżvilupp ta' app li se titnieda dalwaqt.

**Dixxiplina fis-sewqan**

Filwaqt li naħdmu biex intaffu l-problema tat-traffiku, hemm bżonn li nżidu d-dixxiplina fit-toroq. Imġieba bħal sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, li jwassal għal periklu ta' mewt għas-sewwieqa, għall-passiġġieri u għal persuni oħra, ma tistax tiġi ttollerata. Il-Pulizija tinsab f'taħditiet biex iġġib apparat ġdid tal-breathalysing li jagħti reading u printout dak il-ħin. B'hekk tiġi evitata l-burokrazija li kien ikun hemm fil-passat meta dan l-apparat mhux dejjem kien jintuża. Se tiġi emendata l-liġi sabiex tagħmel tajjeb għas-sistemi l-ġodda li se jintużaw filwaqt li se jiżdiedu l-multi għal min jinqabad isuq taħt l-effett tal-alkoħol.

Se jiżdiedu l-multi fuq l-użu tal-mobile phone waqt is-sewqan sabiex jiġi skoraġġit dan l-aġir.

Se ndaħħlu wkoll fis-seħħ regolamenti ġodda biex jinqabdu dawk li jdaħħlu Malta karozzi bi pjanċi barranin bla ma jirreġistrawhom.

**Parkings**

Il-Gvern se jniedi żewġ proġetti PPP pilota biex flimkien ma' kunsilli lokali jidentifika zoni fejn ikunu jistgħu jinbnew parkings, preferibbilment taħt l-art. Il-Mosta u Wied il-Għajn huma żewġ postijiet fejn hemm nuqqas partikolari ta' postijiet ta' parkeġġ.

**Servizz Pubbliku**

Matul is-sentejn li għaddew saru għadd sostanzjali ta' miżuri ta' simplifikazzjoni u qed nagħmlu wkoll il-pass li nifthu one-stop-shops ħalli nagħmlu l-affarijiet iktar faċli għaċ-ċittadini li jiksbu s-servizz li jixtiequ mis-servizz pubbliku. Fadal ħafna xi jsir biex

niġġieldu l-burokrazija. Se naraw li l-miżuri neċessarji jitwettqu. Inizjattiva li biha jiġi evalwat is-servizz li jingħataw il-familji u n-negozji se tagħmel użu mill-mystery shoppers.

Sabiex is-servizz pubbliku jkomplu jgħin lil negozju, id-dipartimenti governattivi kollha se jkunu qed jiddeterminaw il-core business hours tagħhom biex matulhom ikun hemm ir-riżorsi kollha meħtiega għall-aħjar servizz. B'dan il-mod ma nkunux biss qed nassiguraw is-servizz imma wkoll flessibilità għall-miżuri li jgħinu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja kif ukoll ngħinu li tittaffa l-problema tat-traffiku.

**Immigration Work Office**

Se jitnieda proċess ta' konsultazzjoni dwar sistema ta' Immigration Work Office f'forma ta' PPP. Permezz ta' din is-sistema, kull min jixtieq jimpjega immigrant għal numru ta' sigħat limitati, se jkun jista' jagħmel dan b'mod legali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu legali. Ir-rata ta' ħlas għadha trid tiġi determinata, u se tinkludi l-ispejjeż biex tiġi mħaddma s-sistema. Se naraw li ma jkunux żvantaġġati l-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Tlajjar bħalma jsir fil-Marsa mhux se jibqa' jiġi ttollerat aktar, u se jsir clamp-down u jiżdiedu l-pieni fuq min jimpjega persuni illegalment hekk kif tiddaħħal din is-sistema.

**Kunsilli lokali**

Iċ-ċittadin, minbarra servizzi mill-Gvern ċentrali, jagħmel użu wkoll minn ħafna servizzi li jiġu offruti mill-kunsilli lokali. L-irwol tal-kunsill lokali qed isir dejjem iżjed importanti fil-ħajja ta' kuljum.

Waħda mir-riformi li wettaqna din is-sena kienet it-twaqqif tal-aġenżija l-ġdida li tirregola l-operat tal-infurzar lokali (Local Enforcement System Agency). Se nkunu qegħdin ukoll inwettqu proġett pilota sabiex persuni minn fost il-pubbliku jkollhom l-opportunità li jkunu f'bordijiet tal-għażla ta' kuntratti maġġuri tal-kunsilli lokali tagħhom, u dan ukoll sabiex titħares it-trasparenza, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-infiq u l-ispejjeż tal-kunsilli lokali.

Il-proġett Għaqal id-Dar se jinfirex ma' aktar kunsilli lokali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u se nkomplu nagħtu prijorità lill-ġbir tal-iskart u b'koordinament mal-Ministeru kkonċernat inkomplu nsaħħu l-proġett pilota tal-ġbir tal-borża organika.

## Riforma fil-Qrati

Il-Gvern wiegħed riforma ħolistika fil-qasam tal-Ġustizzja u qiegħed iwettaqha. Diġà sar ħafna, inklużi sistemi u drittijiet ġodda li mmarkaw differenza sostanzjali.

Se tkompli l-ħidma biex jitwettqu iktar rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja fir-rapport finali tagħha. Il-focus tagħna s-sena d-dieħla se jkun fuq tliet binarji:

L-ewwel nett irridu nkomplu ndaħħlu drittijiet ġodda fil-kamp kriminali biex jitkattru l-garanziji u s-salvagwardji tal-persuni. Għal dan il-għan matul is-sena d-dieħla se ntejbu u nirriformaw għall-ahjar id-dritt tal-avukat waqt l-arrest u se nibdew proġett pilota fejn il-prosekuzzjonijiet jitmexxew minn avukat u mhux minn membru tal-Korp tal-Pulizija, li ħafna drabi jkun hu stess li jkun investiga r-reat.

It-tieni nett, fil-kamp ċivili se nibdew inizjattivi bla preċedent biex indaħħlu f'Malta l-kultura li diġà hija predominanti fil-livell Ewropew, li wieħed jirrikorri għall-medjazzjoni qabel ma jgħaddi biex jiftaħ kawżi fil-Qrati tagħna.

It-tielet, fil-kamp kummerċjali se nagħtu prijorità lil żewġ oqsma li fis-settur legali fl-aħħar ġenerazzjonijiet ta' snin waqgħu lura - il-kamp tal-insolvenza (bankruptcy proceedings) u l-kamp tal-infurzar tal-kuntratti li diġà għamilt referenza għaliha iktar kmieni.

**Air Malta**

Se nibqgħu naħdmu sabiex nilħqu l-objettivi tal-pjan ta' ristrutturar miftiehem mill-amministrazzjoni l-oħra mal-Kummissjoni Ewropea, minkejja li ftit li xejn ittieħdu azzjonijiet taħt il-Gvern ta' qabel. Din is-sena lestejna numru ta' inizjattivi prinċipali li kienu tħallew fuq l-ixkaffa għax ħaddieħor ma kellux il-kuraġġ li jagħmilhom. Fost l-oħrajn, ġew riveduti kuntratti bħal dak tal-ikel u l-IT. Irridu niżguraw li wara dan il-perjodu, il-linja nazzjonali tal-ajru ikollha wkoll pjan ta' tkabbir għall-medium u l-long term, li jkun sostenibbli u li jassigura opportunitajiet għall-ħaddiema f'realtà ta' kumpanija li qed topera fl-aktar suq kompetittiv ta' kull żmien.

**Proġett ta' Riġenarazzjoni tan-Nofsinhar ta' Malta**

Il-Gvern hu impenjat li jagħti prijorità lir-riġenerazzjoni tan-naħa t'isfel ta' Malta billi jagħmel l-investiment f'infrastruttura fin-naha t'isfel ta' Malta prijorità.

**American University of Malta**

Is-sena d-dieħla għandhom jibdew isiru l-applikazzjonijiet, u eventwalment ix-xogħlijiet, fuq l-American University of Malta, biż-żewġ campuses ta' Bormla u Wied il-Għajn. Dan huwa proġett li se jkompli jitfa' lil Malta fuq il-mappa edukattiva tal-Mediterran billi jkompli jtejjeb il-prodott tal-pajjiż.

Il-komunità ta' Bormla se tgawdi mir-riabilitazzjoni ta' Dock Number 1, li ilu snin sħaħ fi stat ta' abbandun.

F'Wied il-Għajn se jkollna l-Park Naturali Nazzjonali, filwaqt li se tiġi żviluppata pixxina ġdida fil-baħar biex tieħu post l-ex Pixxina Nazzjonali li se titwaqqa'. Qed naħdmu wkoll biex jiġi identifikat sit għal ground tal-football f'Wied il-Għajn.

**Proġett ta' riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk**
Is-sena li ġejja se jiġi mniedi proġett ta' riġenarazzjoni għal Marsaxlokk b'konsultazzjoni bejn il-kunsill lokali, ir-residenti, is-sajjieda, ir-restaurants u oħrajn. L-ewwel parti se tkun iffukata fuq iċ-ċentru ta' Marsaxlokk, bil-ħsieb li t-triq ta' Xatt is-Sajjieda u ż-żona ta' madwar tinbidel f'żona pedonali għall-familji.

Kif kien imwiegħed, il-Gvern ta' bidu għall-proċess sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp ta' breakwater ġdid fuq in-naħa ta' Ras il-Qrejten, kif ukoll għat-tiswija u t-titjib ta' dak eżistenti fuq ix-xaqliba l-oħra tal-port, proċess li se jgħin lis-sajjieda tal-lokal.

**Birżebbuġa**
Il-Gvern hu impenjat li jibda jirriabilita liż-żona magħrufa bħala Tal-Qajjenza f'Birżebbuġa li tħalliet mitluqa għal ħafna snin.

**Turiżmu**
Sabiex inkomplu ngħinu lil min qed jinvesti u jaħdem sabiex ikabbar it-turiżmu f'Malta, qed nahdmu fuq skema trasparenti, bil-għajnuna tas-sħab soċjali, sabiex il-lukandi jiġu inkoraġġiti ferm aktar sabiex jinvestu f'miżuri li jrendu aktar effiċjenza fil-konsum tal-enerġija. Il-Gvern jagħraf li b'riżultat tar-roħs ta' 25% fit-tariffi għall-businesses din is-sena, dawn il-flus iffrankati l-hotels se jerġgħu jinvestuhom lura f'refurbishments u upgrades tagħhom sabiex ikompli jitjieb il-prodott turistiku. Għaldaqstant, se ninvestu fi skemi sostenibbli ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-

ħsieb hu li ssir PPP bejn il-Gvern u l-Privat li xogħolha jkun li toħroġ dawk li jissejħu 'white certificates' skont l-ammont ta' energija ffrankata fil-hotel b'riżultat tal-investimenti li jkunu saru, li jiġu awditjati u vverifikati mill-istess aġenzija. Dawn iċ-ċertifikati mbagħad jissarrfu fi grants jew inċentivi fiskali oħra għall-istess hotel. Jekk l-iskema taħdem tajjeb, naraw jekk din għandiex tiġi estiża għal setturi kummerċjali oħra, inklużi r-ristoranti.

Se nkomplu naħdmu fuq ir-riforma fil-leġiżlazzjoni għall-operaturi fit-turiżmu sabiex innaqqsu l-burokrazija u norganizzaw aħjar il-liġijiet minn kif kienu, għal aktar ċertezza fis-settur.

### Institute of Tourism Studies ġdid

Nemmnu li wieħed mir-riżorsi ewlenin ta' pajjiżna fit-turiżmu huma l-ħaddiema tagħna. Biex inkomplu nirnexxu u mmexxu bil-politika tagħna ta' prodott u servizz turistiku ta' kwalità, irridu aktar żgħażagħ u ħaddiema mħarrġa. Għal dan il-għan se nagħmlu wieħed mill-akbar proġetti li qatt saru għar-riżorsi umani fit-turiżmu meta se ninvestu €56 miljun fil-bini ta' Institute of Tourism Studies ġdid fi Smart City. L-ITS il-ġdid se jkun qed iservi l-ħtiġijiet tal-istudenti Maltin u tal-ħaddiema tal-industrija, u se jgħin biex jiġu attirati studenti barranin biex jiġu jistudjaw it-turiżmu u l-ospitalità f'pajjiżna. Ir-rilokazzjoni se tkun qed tagħti prodott aħjar lill-istudenti u opportunitajiet ġodda. Se tinħareġ sejħa għall-offerti għall-post li bħalissa huwa okkupat mill-Istitut sabiex ikun hemm proġett ieħor kumplimentari mal-inħawi. Diġà qed jiġu esplorati wkoll il-possibilità ta' alleanzi strateġiċi ma' skejjel internazzjonali u rinomati fil-ġestjoni tal-ospitalità.

Mis-sena akkademika li jmiss, għall-ewwel darba dan il-Gvern se joffri €233 fi grant lil kull student li jattendi l-ITS sabiex tkopri parzjalment l-ispejjeż relatati ma' materjal edukattiv.

Il-Gvern se jikkontribwixxi €300,000 lill-MHRA għat-twaqqif tal-Mediterranean Tourism Forum. Il-Gvern jemmen f'din l-inizjattiva, li għandha l-għan li tagħmel minn pajjiżna ċentru ta' eċċellenża għat-turiżmu fil-Mediterran.

Huwa ċar li għas-snin li ġejjin se jkun hemm konċentrazzjoni ta' proġetti ta' kwalità għolja fl-inħawi tal-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan. Filwaqt li aħna favur li jsiru dawn il-proġetti, li se jgħollu 'l fuq il-kwalità tal-prodott ta' pajjiżna, ma nistgħux nippermettu li din iż-żona tant importanti tispiċċa żona ta' kostruzzjoni miftuħa għal ħafna żmien.

Nemmnu li hemm bżonn ta' koordinament sħiħ fil-proġett, biex ikun hemm sinerġiji u jitnaqqas l-inkonvenjent. Hemm bżonn ukoll li jkun hemm punt wieħed ta' kuntatt li jikkoordina mal-awtoritajiet u l-aġenziji tal-Gvern sabiex titnaqqas il-burokrazija u x-xogħol jitlesta aktar malajr. Huwa ċar li se jkun hemm bżonn ta' pjan komprensiv ghal din iż-żona, kemm biex tittejjeb l-infrastruttura kif ukoll biex ix-xogħlijiet ifixklu mill-inqas lin-negozji u lir-residenti eżistenti.

Għal dan il-għan, se nwaqqfu s-St George's Bay Regeneration Corporation, li bi sħubija mas-settur privat interessat, se tagħmel xogħol ta' koordinament. Għall-ewwel żmien tagħha, din il-korporazzjoni se topera taħt il-GHRC.

## 7: GĦAWDEX: INKOMPLU NOĦOLQU L-ĠID

F'dawn l-aħħar sentejn Għawdex ra titjib notevoli, kemm f'investiment privat kif ukoll f'dak pubbliku. Ir-riżultati bdew jidhru. Ngħidu biss li għas-sena 2013 it-tkabbir tal-prodott domestiku gross f'termini nominali f'Għawdex kien iktar minn dak irreġistrat f'Malta.

Dan ma sarx f'vacuum. Seħħ għax emminna li jista' jsir u għax ħdimna biex isir. Tajjeb li ngħidu li fil-bidu mhux kulħadd emmen li Għawdex tabilħaqq jista' jibda jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' Malta. Nemmnu wkoll li r-riżultati se jkomplu jitjiebu.

L-applikazzjoni għal fondi Ewropej biex jiġi żviluppat is-sit li qabel kien okkupat mill-Malta Dairy Products ġiet sottomessa. L-għan hu li dan il-post isir ċentru għal kumpaniji ġodda li joffru servizzi innovattivi u kreattivi, bħal pereżempju l-industrija tal-films u kumpaniji li jispeċjalizzaw fl-IT.

Huwa mistenni li l-investiment li tħabbar bis-sehem ta' Bart's Medical School ta' Londra fis-sena 2016 jagħti bidu għal servizzi mediċi ġodda li jwasslu għall-proġett tal-medical hub f'Għawdex.

Nappella lill-ħaddiema tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex ma jagħtux każ ta' min ħsiebu biss biex ibeżża'. Kif ġara fil-każ tal-Enemalta, se naraw li mhux biss ħadd ma jitlef xogħlu, iżda wkoll li jinħolqu opportunitajiet ġodda.

Il-Gvern se jkompli wkoll bi proġetti oħra li jtejbu l-ħajja tal-Għawdxin fis-snin li ġejjin, fosthom pixxina bis-sehem tas-settur privat u r-riġenerazzjoni ta' Pjazza San Franġisk. Se jitkompla x-xogħol intensiv ta' tisbiħ tal-widien u l-bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi lokalitajiet. Se jsiru applikazzjonijiet biex jiġu rrestawrati postijiet storiċi f'Għawdex, fosthom l-akwadott li kien

iwassal l-ilma minn Santa Luċija sar-Rabat, il-mitħna tax-Xewkija, u l-għar ta' Kalipso. Hemm pjanijiet għal mużew t'Għawdex u għall-ewwel darba se jkun hemm line item biex jiġu akkwistati oġġetti ta' arti għal dan il-mużew.

Sar progress sinifikanti fl-istudji dwar il-vijabilità u l-impatt tal-green airstrip f'Għawdex. Hawn irid ikun hawn diskussjoni serja dwar jekk nimxux fuq dan il-proġett minħabba li jinvolvi t-teħid ta' art verġni. Il-Gvern ma jridx jgħaġġel u se jkun qed jikkonsulta qabel jasal għal xi deċiżjoni. Għaddejjin negozjati mal-konsorzju li ssottometta l-proposti tiegħu dwar il-bini ta' cruiseliner terminal u yatch marina.

Qegħdin isiru studji dwar il-baga ġdida li kien hemm bżonn flok dik eżistenti fix-Xlendi. Dawn waslu fi stadju avvanzat u jinkludu kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-preservazzjoni tal-ambjent naturali u ta' fdalijiet arkeoloġiċi li jinsabu f'qiegħ il-baħar.

**Permanent link**

Il-proġett ewlieni ta' konnettività għal Għawdex huwa dak tal-permanent link.

Huwa pjaċir tiegħi li nħabbar li l-feasibility study, ikkummissjonat minn Transport Malta u l-Gozo Business Chamber, tlesta u se jiġi ppubblikat. Ir-rapport jikkonkludi li tunnel ikun aktar fattibbli minn pont, u li hemm possibilità tajba ta' interess mis-settur privat għal dan il-proġett.

Il-pass li jmiss huwa li jsir studju tekniku u ġeologiku dwar it-tunnel, fosthom fejn ikun jibda u fejn ikun jispiċċa, biex tittieħed id-deċiżjoni li issa ġiet limitata għal jekk għandux isir tunnel jew le.

**Xogħol f'Għawdex**

Se nkomplu naħdmu sabiex jinħoloq iktar xogħol f'Għawdex billi nġibu iktar xogħol ta' backoffice minn Malta. Fost dawn hemm it-taqsima tas-salarji tad-Dipartiment tal-Pulizija.

Se nagħtu iktar inċentivi biex jinħolqu impiegi ġodda mas-settur privat f'Għawdex billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta' tliet snin jew iżjed, tingħata rifużjoni ta' 20% tal-paga medja ta' impjegat sa massimu ta' ħamest elef ewro.

**Żieda fl-allowance għall-istudenti Għawdxin**

Għall-istudenti Għawdxin li qed jistudjaw f'Malta l-Gvern se jżid l-allowance li jingħataw bi €300 fis-sena.

## 8: SIGURTÀ NAZZJONALI

Is-sena d-dieħla hemm numru kbir ta' proġetti u inizjattivi li jinkludu x-xiri tat-tielet helikopter ġdid b'valur ta' €14-il miljun, li l-kuntratt tiegħu diġà ġie ffirmat; ix-xiri tat-tielet ajruplan ġdid valutat €15-il miljun, u l-bidu ta' xogħlijiet strutturali fil-bażi tal-Armata f'Pembroke bl-iskop li din takkomoda l-iskola tat-taħriġ militari. Hemm ukoll investiment ta' €2.5 miljun f'tagħmir militari ġdid bħala parti mill-immodernizzar tal-Forza.

Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020, li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 u li huma stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Fosthom hemm ix-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P 61 għall-valur ta' madwar €7 miljun, u x-xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew mal-miljun u nofs ewro.

Nafu li t-taħriġ huwa essenzjali sabiex il-forzi armati ta' pajjiżna jibqgħu jagħtu servizz li jixraq. Għalhekk, għall-2016 se nkunu qegħdin nallokaw il-fondi għal taħriġ ta' suldati u uffiċjali kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Se tkun qed tiżdied ukoll l-AFM allowance li jieħdu l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta. Din iż-żieda se tkun id-doppju ta' dak li qed jieħdu fil-preżent.

Se jkompli l-investiment fil-korp tal-Pulizija. Matul is-sena d-dieħla s-sezzjoni tal-Immigrazzjoni flimkien man-National Schengen Information Systems Unit se tniedi proġett sabiex naslu għall-implimentazzjoni ta' magni ġodda għall-automated border control bħala parti mill-proġett tal-iSmart Borders tal-UE. Dan il-proġett huwa stmat li jiswa miljun ewro.

Qed isir tisħiħ fit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija f'dak li huma riżorsi umani, u l-Iskwadra telgħet minn sitt Spetturi għal għaxra. Qed jiżdiedu n-nies fl-Investigation Teams tagħhom ukoll. Għas-sena 2016 huwa maħsub illi din l-Iskwadra tiġi msaħħa billi jiżdiedu magħha nies professjonali oħra bħal accountants u professjonisti oħra. Jekk dawn ir-riżorsi ma jinstabux fil-Korp tal-Pulizija jiġu ingaġġati minn barra l-Korp. Se jkun hemm tisħiħ ukoll fl-għodod użati minn din l-Iskwadra fejn jirrigwardaw mezzi analitiċi.

## 9: NIPPROMOVU L-ISPORT u l-KULTURA

Matul l-2016, se nkomplu naħdmu fuq ħames proġetti kruċjali għal dan is-settur: il-proġett tal-Mużew ġdid għall-Arti (il-Muża), il-proġett tal-Grand Salon for Costume, Fashion and Film fil-Belt Valletta, il-ħolqien ta' spazju ġdid fejn artisti kontemporanji jkunu jistgħu jagħmlu l-istallazzjonijiet tagħhom, il-Villaġġ tal-Karnival, u l-Valletta Design Cluster. Dan biex nagħtu sostenn u appoġġ dirett fil-qasam tal-kreattività.

Is-sena d-dieħla se nikkonċentraw fuq il-konklużjoni tal-progett tal-Ipoġew u se nkunu qed naħdmu fuq inizjattivi ġodda taħt il-programm ta' fondi ERDF 2014-2020. Inizjattiva ċentrali hi l-applikazzjoni sabiex b'effett mis-sena 2016 l-Arkivju Notarili fil-Belt Valletta jiġi rijabilitat u modernizzat kif jixraqlu.

Nemmnu wkoll li s-settur privat għandu jkun parti minn din l-istorja ta' suċċess. Se nżidu l-inċentiv fiskali għal donazzjonijiet għall-arti permezz ta' tnaqqis fit-taxxa ta' 150% tal-valur tad-donazzjoni mogħtija.

Għaddejja ħidma kollettiva ma' diversi entitajiet biex il-kalendarju tal-avvenimenti jingħaqad u jsir aktar konsolidat bil-għan illi l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tkun tista' tippromwovih barra minn Malta waqt fieri internazzjonali ma' operaturi fis-settur. Għaddejjin b'diversi diskussjonijiet ma' promoturi privati li jistgħu jattiraw avvenimenti bħal Lost & Found u Baroque Festival, u avvenimenti ġodda ta' kwalità, inkluż għax-xhur kajmana tax-xitwa.

**Il-Belt Valletta**

Fl-aħħar snin, il-Belt Valletta rat tibdil sostanzjali għall-aħjar, u r-riġenerazzjoni hija evidenti. Se titnieda skema li biha jiġu rranġati l-aperturi u l-gallariji tal-bini li jagħti fuq il-Kavallier ta' San Ġwann u Triq l-Ordinanza .

**Valletta 2018**

Għaddejjin il-preparamenti sabiex jitfassal programm xieraq li għandu jwassalna sa meta l-Belt Valletta tkun il-Kapitali Kulturali Ewropea. Qegħdin jitwetqqu wkoll numru ta' proġetti sabiex dan l-avveniment iħalli wirt sostenibbli fil-qasam kulturali tagħna.

**Il-Monti tal-Belt**

Waqt li konna mexjin bil-proċess ta' rilokazzjoni tal-monti tal-Belt, tajna kas tal-fehmiet ta' dawk li esprimew ruħhom. Smajna wkoll lil tal-monti nfushom. Innotajna wkoll dak li qal Renzo Piano, li tkellem favur monti fi Triq l-Ordinanza. Madankollu, ma rnexxilniex nirriallokaw monti sħiħ f'nofs l-ispazju maħsub oriġinarjament u qegħdin nikkunsidraw soluzzjonijiet oħra. Ikunu liema jkunu dawn is-soluzzjonijiet, aħna determinati li ndaħħlu sistema ġdida ta' management tal-monti li tinforza d-dixxiplina u l-indafa.

**Forti Sant' Iermu**

Wara li ntemmu x-xogħlijiet ta' restawr u riġenerazzjoni tal-parti ta' fuq tal-Forti Sant' Iermu, żdiedet il-ħtieġa li l-parti ta' isfel ta' dan il-forti tiġi riġenerata wkoll. Nemmnu li din hija opportunità għas-settur privat biex jagħmel investiment ta' kwalità gholja li jirrispetta l-valur storiku tal-post filwaqt li jagħmel minn dan il-post attrazzjoni ħajja. Għalhekk, il-Gvern se jippubblika request for proposals għar-riġenerazzjoni tal-parti ta' isfel tal-Forti Sant' Iermu. Dan il-proċess għandu jwassal biex filwaqt li jsir xogħol ta' restawr tal-bini maestuż ta' din il-parti tal-forti kif ukoll tal-ispazji

kollha li fiha, il-forti jingħata ħajja ġdida permezz ta’ attivitajiet ġodda li jkunu mmexxija mis-settur privat.

**Sport**

Matul din is-sena se titkompla l-ħidma sabiex ikollna aktar faċilitajiet sportivi ta' livell. Dan wara li sar xogħol urġenti u estensiv fuq is-South Block tal-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq.
Se jsir xogħol ta' upgrading fil-kumpless sportiv ta' Ħal Kirkop.
Qed ikun ippjanat ukoll li jibda x-xogħol ta' estensjoni fil-Kumpless tal-Kottonera sabiex dan il-kumpless ikun jista' jaqdi aktar dixxiplini sportivi kif ukoll lill-iskejjel tal-viċin.

Matul din is-sena se naraw li l-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel isirilha x-xogħol li hemm bżonn sabiex tiġi elevata għal-livell internazzjonali. Fl-istess akkwati, fil-kumpless sportiv tal-Marsa, se nkunu qed naraw li din iż-żona riservata għall-isport fl-aħħar tibda tinbidel f'faċilitajiet ta' livell.

Se tkun qed titnieda White Paper għad-diskussjoni mal-għaqdiet sportivi dwar kif dawn jistgħu jattiraw investiment fil-faċilitajiet tagħhom biex b'hekk l-isport Malti jitmexxa fuq bażi aktar soda u aktar sostenibbli. Nemmnu li dan hu pass kruċjali sabiex jintlaħqu l-miri tagħna li jkollna s-settur tal-isport aktar organizzat u professjonali. Dan se jaghti lok ukoll għal bidla fil-mentalità ta' kif jiġu ġestiti l-faċilitajiet sportivi f'Malta, u għandu jtejjeb il-kwalità tat-taħriġ li jirċievi l-isport tagħna, mit-tfal sal-atleti professjonali.
Flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ, se naraw li fil-Youth Village jinbnew faċilitajiet sportivi sabiex ikunu jistgħu jintużaw kemm mill-istudenti tal-ALP u tal-Youth.inc kif ukoll minn żgħażagħ oħra flimkien ma' għaqdiet sportivi.

**Bini ta' skejjel u ta' faċilitajiet edukattivi**

Wara li din is-sena fetħet l-Iskola Nazzjonali l-ġdida tal-Isport, huma ppjanti wkoll numru ta' xogħlijiet u manutenzjoni infrastrutturali fosthom l-estensjoni taċ-ċentru tal-Wardija, il-grawnd fl-iskola ta' Marsaskala, l-iskola sekondarja superjuri f'Ħal Kirkop u f'Ħad-Dingli, u l-bini li kien tat-Teżor għall-użu tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. Se tibda l-ewwel fażi tal-iskola l-ġdida f'San Pawl il-Baħar u x-xoghol fuq l-isports track tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport f'Pembroke.

**Presidenża tal-Unjoni Ewropea**

Il-preparamenti għall-Presidenza ta' pajjiżna tal-Unjoni Ewropea issa qegħdin jimmaturaw sewwa. Matul l-2016, dawn għandhom jilħqu l-qofol tagħhom sabiex fl-ewwel nofs tal-2017, pajjiżna jmexxi b'suċċess dan l-inkarigu.

# 10: NINVESTU FIS-SAĦĦA U L-AMBJENT

## Servizz tas-saħħa aħjar

Din is-sena komplejna nħarsu lejn il-qasam tas-saħħa bħala prijorità kif dejjem għamilna. Is-sena li għaddiet għedna li rridu nħarsu lejn it-titjib tal-aċċess u l-kwalità tas-servizz tas-saħħa, u matul din l-aħħar sena ħdimna proprju għal dan l-għan.

Matul din is-sena, komplejna naħdmu biex innaqqsu diversi listi ta' stennija għal operazzjonijiet differenti. Eżempju huwa fl-MRI, fejn rajna tnaqqis fl-istennija minn sena u nofs fl-2013 għal tliet xhur. Fil-każ tal-katarretti, minn stennija ta' 3 snin fl-2013, l-istennija naqset għal sitt xhur. Naqqasna wkoll b'mod sostanzjali l-waiting lists għall-isleep studies, l-EMG, l-Echocardiograms, il-bone density scans u l-angiograms. Permezz ta' ftehim mal-privat qegħdin innaqqsu wkoll il-waiting lists għal operazzjonijiet tal-ENT, tal-vini u day case surgery ieħor.

Għal din is-sena se nsaħħu din l-inizjattiva u se jkun hemm imbuttatura kbira biex jitnaqqsu l-waiting lists fuq il-hip and knee replacements. Din l-inizjattiva tassigura kwalità ta' ħajja aħjar għal ħafna nies u se tiġi implimentata bħala PPP.

Is-sena li għaddiet għedna li se naħdmu biex nindirizzaw il-problema li għandna ta' sptar żgħir li ma jirriflettix il-ħtiġijiet tal-lum. Biex nindirizzaw din il-problema b'mod immedjat, ħdimna biex ikollna aktar sodod f'Mater Dei. Din is-sena se nkunu bnejna blokka ġdida li se żżid 68 sodda. Dan huwa importanti iżda mhux biżżejjed. Għaldaqstant, il-Gvern impenjat li jniedi proġett ġdid biex jinbnew aktar sulari u din il-blokka toffri 300 sodda. Il-pjanijiet qegħdin fi stat avvanzat.

Wasalna sa hawn minkejja l-problema kbira, li ħallielna l-gvern preċedenti, ta' konkrit dgħajjef f'Mater Dei. Dwar dan, se nkomplu niġġieldu għad-drittijiet ta' pajjiżna, minkejja l-ftehim waiver irresponsabbli li kien iffirma l-gvern ta' qabel u li permezz tiegħu kien neħħa kull responsabiltà minn fuq Skanska.

Qegħdin ukoll indaħħlu sistemi ġodda ta' bed management f'Mater Dei biex nużaw bl-aktar mod effiċjenti l-ispazju li għandna f'dan l-isptar.

Bħalissa għaddej ġmielu x-xogħol fuq il-Public Private Partnership għall-iżvilupp ta' sptar ġdid f'Għawdex flimkien ma' Bart's Medical School, skola medika tal-ogħla livell, li se joffri servizz mill-aqwa għall-Għawdxin mingħajr ma jkollhom jinżlu Malta. L-isptar f'Għawdex se jsir "a fully fledged general hospital" kif ukoll faċilità għat-turisti mediċi. Mhux talli mhux se jonqsu, talli se jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol f'Għawdex fil-qasam tas-saħħa għall-ħaddiema Għawdxin.

Min-naħa l-oħra, se jiġi żviluppat mill-ġdid Karen Grech fi sptar ta' 320 sodda għall-anzjani. Se jiġi żviluppat ukoll sptar ġdid għar-riabilitazzjoni, li joffri faċilitajiet li ma jeżistux. Tmenin sodda tar-riabilitazzjoni se jkunu allokati għall-Gvern. Se niżviluppaw ukoll ċentru ġdid tad-dermatologija bi 12-il sodda inpatient. Barra dan kollu, se jinħoloq sptar għat-turisti medici f'St Luke's ukoll. Dan il-proġett se jkun qed joħloq 1,000 impjieg ġdid. Fiż-żmien li ġej se jkun hemm aktar konsultazzjoni mal-istakeholders kollha fuq din it-tranżizzjoni tant importanti.

Ħdimna wkoll fuq il-problema tal-medicini out of stock. Minn 130 mediċina out-of-stock fil-POYC fl-2013, naqqasna l-mediċini out of stock b'mod drastiku u żammejna l-istess livelli li ħabbarna s-sena li għaddiet, jiġifieri madwar ħamsa. Dawn ir-riżultati jridu jittieħdu f'kuntest ta' żieda fin-numru ta' persuni li jikkwalifikaw għall-iskema tal-POYC, fejn fis-sena 2014 kien hemm mal-131 elf

persuna u fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena dawn żdiedu għal 138 elf persuna.

Qegħdin naħdmu mal-operaturi tal-POYC u mar-rappreżentanti tagħhom biex indaħħlu service level agreement fuq is-servizzi offruti u biex is-sena d-dieħla nvaraw ukoll proġett pilota għall-home delivery tal-mediċini, kif inwiegħed fil-manifest elettorali. Fl-2013 konna sibna wkoll problema ta' mediċini out of stock fl-isptarijiet tagħna. F'Mater Dei konna sibna 200 mediċina out of stock. Dan illum niżżilnieh drastikament għal medja ta' ħames mediċini, għall-vantaġġ u l-benefiċċju tal-pazjenti. Dan meta ħaddieħor kien jgħid li anke l-grocer ikollu l-prodotti out of stock.
Qegħdin naħdmu wkoll biex nespandu proġett pilota ta' framework procurement agreements għall-provvista tal-mediċini. Dan se jfisser li fuq medda ta' żmien il- fornituri tal-mediċini nfushom se jibdew jaħżnu l-mediċini u mhux il-Gvern, b'titjib fl-effiċjenza kif ukoll fil-cashflow tal-Gvern. Fuq dan it-tip ta' procurements se jkun hemm aktar konsultazzjoni.

Dan il-Gvern huwa impenjat li jikkonsolida l-kura primarja għax jagħraf li t-tisħiħ ta' dan is-settur, apparti milli jressaq is-servizzi tas-saħħa lejn il-pazjent, iwassal għal aktar effiċjenza u sostenibbiltà fil-qasam tas-saħħa. Għaddejjin negozjati mat-tobba tal-familja privati sabiex jikber l-irwol tagħhom fis-settur tas-saħħa, u anke mal-kunsilli lokali sabiex jieħdu l-amministrazzjoni tal-Bereġ f'idejhom. Żidna sew is-servizzi u l-faċilitajiet fiċ-ċentri tas-saħħa tagħna, fosthom id-digital x-ray machines, it-test tal-warfarina u magni ġodda tal-ECG.

Qed isiru preparamenti wkoll biex toħroġ talba għall-proposti għall-operat ta' Ċentru tas-Saħħa ġdid f'Ħal-Kirkop ibbażat fuq mudell ta' Public-Private Partnership flimkien ma' Projects Malta.
Se nkomplu nikkonsolidaw il-bidliet li qed isiru fl-Accident & Emergency, fejn se nkomplu naħdmu biex jonqos il-waiting time. Fil-fatt, matul is-sena li għaddiet żidna n-numru ta' cubicles fl-

emergenza bi 11, daħħalna sistemi ta' IT ġodda u żidna n-numru ta' tobba u infermiera biex illum il-ħin ta' stennija fl-emerġenza niżel minn medja ta' 13-il siegħa għal taħt l-erba' sigħat f'90% tal-każi.

Se nkunu qegħdin noffru wkoll servizz dedikat ta' Paediatric Emergency, li se joffri ambjent kif mistħoqq lit-tfal.

Għaddejjin ukoll b'ħidma kbira biex intejbu l-Mental Health Services u se nkunu qegħdin nappuntaw Bord ta' Diretturi dedikat. Din is-sena sar ukoll xogħol f'Mount Carmel b'focus fuq il-wards tal-minorenni. Fix-xhur li ġejjin se nkunu qegħdin inniedu pjan ta' titjib qawwi f'dan l-isptar.

Wara li matul din is-sena saru l-preparamenti logistiċi, dan ix-xahar bdejna noħorġu stediniet għas-cervical screening sabiex innaqqsu r-risku tal-kanċer tal-għonq tal-utru fin-nisa Maltin u Għawdxin.

Se nkomplu wkoll id-diskussjoni, li ninnutaw li qed tiġbed interess wiesa', dwar il-liġi tal-IVF. Dan waqt li din is-sena bdejna nagħtu s-servizz tal-IVF minn Mater Dei u fl-2015 se nkunu offrejna dan is-servizz lil 200 koppja.  Sal-aħħar ta' din is-sena se nkunu daħħalna fuq il-formularju tal-Gvern mediċini ġodda għad-dijabete, marda li tolqot madwar 10% tal-popolazzjoni tagħna. Fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qed inżidu l-valur tal-voucher għal min ibati bis-coeliac disease.

Kull xahar l-industrija tal-farmaċija toħroġ mediċini ġodda ta' benefiċċju għall-marid. Ħafna minn dawn il-mediċini ġodda jkollhom prezz għoli. Se naħdmu biex noħolqu sistema sabiex mediċini tal-kanċer u orphan drugs (għal mard rari) inkunu nistgħu nipprovduhom lill-pazjenti waqt li nżommu s-sistema tas-saħħa sostenibbli. Dan se nagħmluh billi naħdmu ma' sħabna fl-industrija kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa.

**Aktar riżorżi għall-ambjent**

Il-Gvern jemmen li l-ambjent huwa wieħed mill-pilastri ewlenin fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti, u għalhekk matul l-2016 se nkomplu nieħdu inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam, fosthom billi nkomplu nindukraw numru ta' siti ta' importanza naturali permezz ta' arranġamenti speċjali ma' numru ta' għaqdiet ambjentali.

Sabiex inkunu nistgħu nippjanaw hemm bżonn ta' iktar informazzjoni f'forma li wieħed jista' janalizza mingħajr ħafna dewmien. Is-sena li ġejja se nkunu qed nagħtu bidu għall-proġett ta' Spatial and Mapping Service għat-territorju tal-gżejjer Maltin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett se tkun iffinanzjata parzjalment minn fondi tal-UE.

Matul is-sena 2016, il-Gvern se jsaħħaħ l-istrutturi u r-riżorżi tiegħu sabiex jitwettqu l-obbligi nazzjonali, Ewropej, kif ukoll internazzjonali fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, kif ukoll fl-agrikoltura, is-sajd u d-drittijiet tal-annimali.

Sadanittant, biex inkomplu ntejbu l-ambjent, se jitwettaq programm ta' monitoraġġ tal-ilma baħar bil-għan li l-ambjent tal-baħar jibda jgawdi minn protezzjoni akbar. Dan il-monitoraġġ se jsaħħaħ il-politika marittima ta' Malta u jassigura wkoll żvilupp sostenibbli fil-qasam turistiku.

Kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali, daqt se tidħol fis-seħħ il-qasma strategika fil-MEPA sabiex titwaqqaf l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorżi. Il-Gvern huwa impjenjat li din l-Awtorità jkollha r-riżorżi umani u finanzjarji meħtiega sabiex din tkun verament f'pożizzjoni b'saħħitha biex tara li l-ambjent f'Malta tassew ikun imħares bl-aħjar mod.

**Food Waste Bill Consultation**

Il-Gvern se jeżamina best practices u se jniedi proċess ta' konsultazzjoni biex jara jekk hux neċessarju li jkun hemm leġiżlazzjoni u, jekk hu l-każ, x'tip ta' leġiżlazzjoni tkun rigward l-ammont ta' ikel li jintrema, speċjalment minn stabbilimenti kbar bħal supermarkets.

**L-Immaniġġjar tal-Iskart**

Wara ħidma li saret din is-sena, se toħroġ sejħa għall-proposti dwar ġbir ta' fliexken tal-plastik u bottijiet tal-metall li jkun fihom likwidu għax-xorb, u dan bil-ghan li, matul l-ewwel nofs tas-sena d-dieħla, jiġi identifikat l-aħjar mod biex tiddaħħal sistema sabiex dan it-tip ta' skart jinġabar.

**Il-WasteServ**

Is-sena d-dieħla l-WasteServ se tibqa' għaddejja bil-ħidma sfiqa biex ittejjeb l-effiċjenza fl-impjanti tagħha. Sfida oħra għas-sena d-dieħla hija l-iskema sabiex il-batteriji jibdew jinġabru mill-privat. Il-WasteServ se tkompli taħdem ukoll fit-twettiq tal-pjan nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart. Fost l-oħrajn se jinbeda proċess ta' riforma fis-Civic Amenity sites sabiex jiġi analizzat l-aħjar metodu li bih il-privat jista' jkun involut fit-tmexxija ta' dawn is-siti.

**Proġett ta' Pace Grasso**

Il-Gvern għaddej bi proċess ta’ ppjanar u tħejjija għar-riġenerazzjoni tas-sit fejn hemm il-ground ta’ Pace Grasso f’Raħal Ġdid. Wara li l-MEPA lestiet il-master plan għal din iż-żona, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-bini ta’ ċentru tas-saħħa reġjonali b’nefqa ta’ madwar €30 miljun li se jkun kofinanzjat minn fondi Ewropej. Flimkien miegħu se jkun hemm ċentru ta’ servizzi għall-familji (family resource centre) kif ukoll faċilitajiet residenzjali fil-komunità għall-persuni b’diżabilità, (priority centre) fis-sit ta' Pace Grasso. Se jkun hemm ukoll faċilitajiet kummerċjali u parkeġġ. Nofs is-sit se jiġi konvertit fi spazji miftuħa u rikreattivi u se jservi ta' pulmun għall-familji tan-naħa ta' isfel tal-pajjiż.

## Pulmun ambjentali fl-inħawi tal-Port il-Kbir

Matul 2016 se jinbeda proġett li permezz tiegħu l-ġnien botaniku tal-Furjana kif ukoll il-ġonna tal-madwar jinfetħu, jissebbħu u jinbidlu f’ċentru ta’ rikreazzjoni ambjentali. Dan se jkun proġett li se joħloq pulmun ambjentali fl-inħawi tal-Port il-Kbir.

Sadanittant, kif mwiegħed mill-Gvern aktar kmieni din is-sena, se jibdew ukoll xogħlijiet biex jiġi żviluppat park ġdid fin-Nofsinhar ta’ Malta, f’Wied il-Għajn.

## Pjan ta’ Azzjoni dwar Ekonomija Ħadra u Circular Economy

Ekonomija ħadra hija ekonomija li tirrikonoxxi li l-assi naturali u ekoloġiċi u servizzi relatati għandhom valur ekonomiku. Il-kunċett jorbot ma’ dak tas-circular economy. L-ispiża relatata mal-ekonomija ħadra tista’ tiġi kkompensata  permezz ta’ żieda fil-kompetittività u fl-impjiegi, u fil-fatt li nħarsu r-riżorsi u l-benesseri. Għalhekk, it-tkabbir ekoloġiku għandu jitqies bħala magna ġdida ta’ kreazzjoni ta’ valur miżjud għal Malta. F'dan il-kuntest, il-Gvern ħejja Strateġija u Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ħadra. Dan jinkludi lista ta' azzjonijiet li jippromwovu l-investiment, u tkabbir ekonomiku mmirat lejn l-edukazzjoni, l-

impjiegi u s-sostenibbiltà tar-riżorsi fi ħdan bosta setturi ekonomiċi oħra li jinkludu l-iskart, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, it-turiżmu, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-industrija.

Is-settur tal-iskart għandu impatt dirett fuq il-kuntest soċjoekonomiku ta' Malta. Infatti, hemm ħtieġa għal bidla lejn ekonomija ċirkolari li terġa' timmanifattura, tuża mill-ġdid u tirriċikla l-iskart tal-ekonomija, partikolarment dak industrijali. B'hekk tiġi ġġenerata l-materja prima u jiġu ffrankati r-riżorsi naturali. F'dan ir-rigward, Malta hija impenjata li żżid l-isforzi tagħha fl-immaniġġjar tal-iskart skont il-ġerarkija tal-iskart. Dan jinkludi s-separazzjoni aħjar fis-sors u l-appoġġ għal negozji, awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet terzi tas-settur fl-integrazzjoni tal-katina tal-provvista biex titjieb l-integrazzjoni fil-proċess ċirkulari.

Il-manifattura ħadra hija element importanti ħafna f'ekonomija ċirkulari, li għandha twassal għal spejjeż aktar baxxi tal-materja prima u qligħ mill-produttività, filwaqt li jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-industrija.

**Ninvestu fl-agrikoltura u s-sajd**

Fil-qasam tal-agrikultura, taħt il-programm il-ġdid għall-iżvilupp rurali se jkun hemm inċentivi ġodda għall-produzzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità. Se jkun qed jitħaddem qafas ta' ċertifikazzjoni u kontroll li ġie mħejji din is-sena. Bil-għan li tkompli tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali, qed tiġi studjata sistema ġdida għall-immaniġġjar tal-farm waste. Din hija riforma li ilha pendenti ħafna snin. Matul din is-sena ġiet ikkonsolidata wegħda oħra mill-Manifest Elettorali tal-Gvern hekk kif beda jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Hemm ukoll il-ħsieb li jerġgħu jitwaqqfu l-extension services fl-agrikultura sabiex il-bdiewa u r-raħħala jingħataw pariri tekniċi fuq l-ortikultura u t-trobbija tal-bhejjem. Matul is-sena d-dieħla se jitkompla wkoll xogħol fuq il-

proġett għall-twaqqif ta' ċimiterju għall-annimali bil-parteċipazzjoni tas-settur privat.

Ir-riforma tal-Pitkalija għaddejja ġmielha. Iddaħħlet sistema ġdida ta' kif il-bdiewa jitħallsu għall-bejgħ li jdaħħlu. Is-sena li ġejja se jsir investiment qawwi sabiex jinxtraw kaxxi tal-pitkalija li jkollhom ċippa elettronika ġo fihom sabiex dan jippermetti li jkun hemm traċċa ċara ta' għand min tkun qiegħda l-kaxxa. Fil-biċċerija pubblika għaddej programm estensiv ta' ristrutturar u rinnovament wara li kienet tħalliet mitluqa. Is-sena d-dieħla l-istrutturi antiki li jiffurmaw il-kumpless l-antik tal-biċċerija se jiġu restawrati.

Il-proġetti fil-qasam tas-sajd bil-għan li jtejbu l-faċilitajiet użati mis-sajjieda se jkomplu. Ix-xogħlijiet fil-pixkerija l-ġdida se jkomplu matul is-sena li ġejja sabiex, fost l-oħrajn, ikun hemm impjant għall-ipproċessar tal-ħut.

# 11: NOĦOLQU SOĊJETÀ ĠUSTA, UGWALI U INKLUŻIVA

Mill-bidu nett ta' din il-leġiżlatura sħaqna li l-politika soċjali għandha tkun waħda inklużiva u li toffri opportunitajiet varji għal bżonnijiet diversi. Se nkomplu niġġieldu l-abbużi biex min ma ħaqqux il-benefiċji soċjali ma jeħodhomx. Tkun inġustizzja ma' dawk l-aktar li għandhom bżonn jekk il-benefiċċji jmorru lejn dawk li ma ħaqqhomx. Fl-istess ħin, se nkomplu ninvestu aktar biex ngħinu u nwettqu ġustizzja soċjali ma' dawk li huma fil-bżonn u li ħaqqhom.

**Ħidma sfiqa fil-qasam soċjali**

Nifhmu li hemm min ġenwinament jinsab fil-bżonn u ma jistax joħroġ jaħdem minħabba mard, diżabilità u problemi ta' saħħa mentali. Dawn l-individwi u l-familji tagħhom irridu naraw li ma jaqgħux f'riskju ta' faqar.

Għalhekk, mis-sena d-dieħla, għall-fini ta' għajnuna soċjali, id-dħul tat-tfal meta jkunu jaħdmu ma jibqax jiġi kkunsidrat għat-test tal-mezzi tal-kap tal-familja. B'dan il-mod, ma jitnaqqsux €16.30 fil-ġimgħa għal kull wild li jaħdem u joqgħod fid-dar.

**Insaħħu l-familji Maltin**

Il-familja qegħda fiċ-ċentru tal-politika ta' dan il-Gvern. Illum il-ġurnata, il-kunċett ta' familja huwa differenti minn dak li kien għaxar, għoxrin sena ilu. Konna minn ta' quddiem nett li għarafna l-bżonn li nbiddlu l-ligi tagħna ħalli l-istituzzjonijiet ta' dan il-pajjiż jirriflettu dawn il-bidliet.

Wara li tajna l-leave għall-ġenituri li jadottaw, issa se nkunu wkoll qegħdin ngħinu lil koppji li jkollhom bżonn li jagħmlu użu mill-faċilità tal-IVF. Dan se nkunu qed nagħmluh billi nagħtu numru ta' ġranet leave wara li jsir l-intervent. L-għadd ta' ġranet se jiġi speċifikat wara konsultazzjoni.

**Hub għall-persuni b'diżabilità**

Il-Gvern qed jaħdem ukoll fuq kunċett li jinħoloq hub attrezzat u adattat għall-persuni b'diżabilità. Il-hub mhux se jkun istitużżjoni, iżda minflok se jippromwovi l-inklużjoni u l-parteċitażżjoni kommunitarja. Apparti mir-residenzi privati, il-hub se jinkludi hostel, respite centre, spazju kummerċjali, u l-faċilitajiet kollha li jinkludu pixxina, ċentru ta' matul il-jum u parkeġġ taħt l-art.

Se ssir ukoll ħidma mal-privat biex f'Għawdex jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol għall-persuni b'diżabilità li fosthom hemm xogħol ta' document management u li l-proċess dwaru wasal biex jiġi konkluż.

**Proġett Soċjetà Ġusta**

Se nkomplu bil-Proġett Soċjetà Ġusta, li bih il-Gvern ħa impenn ambizzjuż ħafna - dak ta' għaxart idjar żgħar fil-komunità biex inserrħu moħħ il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità għal meta dawn jiġu nieqsa.

Tlestiet l-ewwel dar fis-Siġġiewi, li diġà qed tilqa' fiha l-ewwel grupp ta' residenti. Dar oħra, f'Ghawdex, qed titlesta, filwaqt li dawk ta' Ħaż-Żabbar u Pembroke għaddejjin bil-proċess tal-MEPA. Qed jiġi konkluż proċess dwar djar oħra, inklużi dawk fil-kumpless ta' Pace Grasso.

**Anzjani**
Fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, ma jistax jonqos li t-talba għas-servizzi u għall-kura għall-anzjani tibqa' waħda qawwija. Għalhekk, se nkomplu inżidu n-nefqa u nħabirku biex l-għadd ta' dawn is-sodod fl-2016 jiżdied.

Dan minbarra l-proġett pilota dwar il-carers, li ħabbart aktar kmieni.

**Strutturi aħjar għall-NGOs**
Se nagħmlu strutturar aħjar fil-fondi li jingħataw lill-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien soċjali.

**Ex-Sea Malta sailors**
Il-Gvern jinsab f'negozjati avvanzati mal-ex-baħħara tas-Sea Malta sabiex darba għal dejjem tiġi konkluża l-pendenza li għandhom quddiem il-Qrati.

**Housing Soċjali**
Illum il-ġurnata l-maġġoranza tal-familji huma sidien ta' darhom. Iżda, għal bosta raġunijiet, hemm numru konsiderevoli ieħor li għandhom bżonn l-għajnuna sabiex ikollhom post diċenti fejn ikunu jistgħu jgħixu.

Apparti mill-programm ta' tiswijiet li għaddej kontinwament f'postijiet mikrija, l-Awtorità tad-Djar biħsiebha tkompli bil-programm ta' proġetti akbar li jkopru kemm tiswija kif ukoll manutenzjoni u tisbiħ fi blokki residenzjali f'diversi housing estates. Il-programm tas-sena d-dieħla jinkludi proġetti fi tliet lokalitajiet: Il-Ħamrun, Ta' Giorni u Pembroke.

L-Awtorità tad-Djar qed taħdem fuq pjan dwar kif tista' tilqa' għad-domanda kontinwa għall-Akkomodazzjoni Soċjali. L-Awtorità għandha mal-2,900 applikazzjoni pendenti, li ħafna minnhom ilhom hemm snin sħaħ. L-Awtorità tad-Djar se tidħol

għal proġett ta' €50 miljun għal housing soċjali ġdid biex b'hekk tkun f'pożizzjoni li żżid l-istokk tagħha. Dan il-proġett jinkludi r-ristrutturar ta' bini eżistenti u bini fuq art li huwa kopert bil-permessi maħruġa mill-MEPA u li kollu se jsir f'żoni ta' żvilupp. Bil-għan li tinċentiva t-titjib u t-tiswija ta' postijiet antiki, l-Awtorità tad-Djar se ttejjeb żewġ skemi li diġà għandha billi żżid l-għotja li r-residenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minnha. Permezz ta' dan it-titjib, l-għotja massima taħt 'Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar u Titjib f'Residenzi Okkupati minn Sidien jew Inkwilini se tiżdied minn €10,000 għal €11,000, filwaqt li l-għotja massima taħt 'Skema Strutturi Perikolużi' se tiżdied minn €7,000 għal €8,000.

## Kumpens

Waħda mill-miżuri li thabbret fil-Baġit għall-2014 kienet li l-każijiet kollha ta' esproprjazzjoni li jaslu sa €15,000 (ħmistax-il elf) kellhom jitħallsu b'mod sħiħ. Issa, għall-Baġit għall-2016, din il-miżura qed tiġi estiża għall-każijiet kollha ta' esproprjazzjoni sa €50,000 (ħamsin elf) dejjem suġġett għal prova ta' titlu. Huwa stmat li se jiġu trattati l-każijiet ta' madwar 200 plot.

Barra minn hekk, matul is-sena li ġejja, se jitkompla x-xogħol fuq il-problema tal-Home Ownership Schemes, fejn hemm familji li għadhom ma jistgħux jagħmlu l-kuntratt finali għax-xiri tal-proprjetà tagħhom minħabba l-fatt li l-esproprjazzjoni attwali għadha qatt ma ġiet iffinalizzata mill-Gvern u ilha pendenti għal bosta deċenni.

## 12: GĦELUQ

Sur President,
Dan il-pajjiż miexi fid-direzzjoni t-tajba, u mhux b'kumbinazzjoni. In-nies fdaw il-pjan tagħna f'elezzjoni ġenerali. Fdawna biex nagħtu stabbilta` u direzzjoni ġdida bi pjan ċar fejn irridu nieħdu lill-pajjiżna.

Altru minn triq għal bailout, illum pajjiżna miexi lejn tkabbir bl-iktar rata mgħaġġla fl-Ewropa.

Minn pajjiż b'rata ta' defiċit ta' 3.7 fil-mija, illum pajjiżna riesaq lejn rata ta' 1.6 fil-mija.

Minn pajjiż b'qgħad li kien qrib li jaqbeż it-8,000 persuna bla xogħol, illum għandna pajjiż b'rekord ta' nies jaħdmu.

Minn pajjiż b'kontijiet esaġerati, u prezzijiet tal-fuel u l-gass telgħin u neżlin u Enemalta falluta, għal pajjiż li raħħas il-kontijiet b'25 fil-mija għall-familji u negozji, bi stabbiltà fil-prezzijiet tal-fuel u Enemalta b'saħħitha.

Minn pajjiż staġnat b'amministrazzjoni li ma tiddeċidix, għal pajjiż b'amministrazzjoni li ma tibżax tieħu deċiżjonijiet iebsa.

It-triq biex inkunu l-aqwa fl-Ewropa bdejniha.

Fadlilna x'nagħmlu. Ħafna.

Imma dak kollu li ser nagħmlu f'dan il-baġit u f'dak ta' warajh se nagħmluh mingħajr ma nipperikolaw il-finanzi ta' pajjiżna.

Dan għaliex għandna Malta: Ekonomija b'Saħħitha.

## Anness A

| Rati Singoli | | | |
|---|---|---|---|
| Minn | Sa | **Rata** | **Naqqas €** |
| 0 | 9,100 | 0.00% | 0 |
| 9,101 | 14,500 | 15.00% | 1,365 |
| 14,501 | 19,500 | 25.00% | 2,815 |
| 19,501 | 60,000 | 25.00% | 2,725 |
| 60,001 | and over | 35.00% | 8,725 |
| | | | |
| **Rati Miżżewġin** | | | |
| Minn | Sa | **Rata** | **Naqqas €** |
| 0 | 12,700 | 0.00% | 0 |
| 12,701 | 21,200 | 15.00% | 1,905 |
| 21,201 | 28,700 | 25.00% | 4,025 |
| 28,701 | 60,000 | 25.00% | 3,905 |
| 60,001 | and over | 35.00% | 9,905 |
| | | | |
| **Rati Ġenitur** | | | |
| Minn | Sa | **Rata** | **Naqqas €** |
| 0 | 10,500 | 0.00% | 0 |
| 10,501 | 15,800 | 15.00% | 1,575 |
| 15,801 | 21,200 | 25.00% | 3,155 |
| 21,201 | 60,000 | 25.00% | 3,050 |
| 60,001 | and over | 35.00% | 9,050 |

